# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1767

**tat-13 ta' Settembru 2023**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) Fit-13 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/572 ([2]), biex b'hekk ġedded il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.

(3) Fid-dawl tat-tkomplija tal-azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġġedded għal sitt xhur oħra.

(4) Fuq il-bażi ta' rieżami mill-Kunsill dwar id-deżinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar 140 individwu u 41 entità tiġi aġġornata. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-entrati għal persuna deċeduta waħda, kif ukoll tliet persuni oħra jitħassru minn dak l-Anness.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Marzu 2024.";

(2) l-Anness huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/572 tat-13 ta' Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 75I, 14.3.2023, p. 134).

Magħmul fi Brussell, it-13 ta’ Settembru 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. NAVARRO RÍOS

*ANNESS*

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

(1) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin huma mħassra:

901. Farkhad AKHMEDOV;

911. Aleksandr Aleksandrovich SHULGIN (Александр Александрович ШУЛЬГИН);

918. Grigory Viktorovich BEREZKIN (Григорий Викторович БЕРЁЗКИН);

1464. Georgy Ivanovich SHUVAEV (Георгий Иванович ШУВАЕВ);

(2) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1. | Sergey Valeryevich AKSYONOV<br>Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич АКСЁНОВ)<br>Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович АКСЬОНОВ) | Data tat-twelid: 26.11.1972<br>Post tat-twelid: Beltsy (Bălți), USSR (issa Republic of Moldova)<br>Sess: raġel | Sergey Aksyonov ġie elett "Prim Ministru tal-Krimea" fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati favur ir-Russja. L-"elezzjoni" tiegħu ġiet iddikjarata li tmur kontra l-kostituzzjoni mill-aġent President Ukren Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Għamel pressjoni attiva favur ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 u kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Fid-9 ta' April 2014 inħatar aġent "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Fid-9 ta' Ottubru 2014 ġie "elett" formalment "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Reġa' ġie elett" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019.<br>Membru tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja. Minn Jannar 2017 membru tal-Kunsill Għoli tal-partit United Russia.<br>Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu "Għall-Mertu lejn il-Patrija" – l-ewwel grad.<br>Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, baqa' attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti, inkluż in-"nazzjonalizzazzjoni" ta' assi tal-politiċi Ukreni fir-Repubblika tal-Krimea.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 2. | Vladimir Andreevich KONSTANTINOV<br>(Владимир Андреевич КОНСТАНТИНОВ)<br>Volodymyr Andriyovych KONSTANTINOV<br>(Володимир Андрійович КОНСТАНТИНОВ) | Data tat-twelid: 19.11.1956<br>Post tat-twelid: Vladimirovka (magħrufa wkoll bħala Vladimirovca), Slobozia Region, USSR (issa Republic of Moldova) jew Bogomol, USSR (issa Republic of Moldova)<br>Sess: raġel | Bħala speaker tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea", Vladimir Konstantinov kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-"referendum" kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna u appella lill-votanti biex jivvutaw favur l-indipendenza tal-Krimea fir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. | 17.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Mis-17 ta' Marzu 2014 "President" tal-"Kunsill tal-Istat" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Reġa' ġie elett" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019.<br>Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, baqa' attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti, inkluż in-"nazzjonalizzazzjoni" ta' assi tal-politiċi Ukreni fir-"Repubblika tal-Krimea".<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | |
| 8. | Sergey Pavlovych TSEKOV<br>(Сергей Павлович ЦЕКОВ)<br>Serhiy Pavlovych TSEKOV<br>(Сергій Павлович ЦЕКОВ) | Data tat-twelid: 28.9.1953 jew 28.8.1953<br>Post tat-twelid: Simferopol, USSR, (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | Bħala Viċi Speaker tar-Rada Verkhovna tal-Krimea, Sergey Tsekov, flimkien ma' Sergey Aksyonov, ta bidu għax-xoljiment illegali tal-gvern tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" (ARC). Involva lil Vladimir Konstantinov f'din l-azzjoni billi heddu li jitkeċċa. Irrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kienu dawk li bdew jistiednu lis-suldati Russi jieħdu l-Verkhovna Rada tal-Krimea taħt il-kontroll tagħhom. Kien wieħed mill-ewwel Mexxejja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja.<br>Mill-2014 membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Federazzjoni Russa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea", maħtur mill-ġdid f'Settembru 2019. Membru tal-Kunsill tal-Kumitat tal-Federazzjoni għall-Affarijiet Barranin.<br>Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, baqa' attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti, inkluż in-"nazzjonalizzazzjoni" ta' assi tal-politiċi Ukreni fir-"Repubblika tal-Krimea".<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 17.3.2014 |
| 29. | Vladislav Yurievich SURKOV<br>(Владислав Юрьевич СУРКОВ) | Sess: raġel<br>Data tat-twelid: 21.9.1964<br>Post tat-twelid: Solntsevo, Lipetsk region, Russian Federation | Eks Assistent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Kien organizzatur tal-proċess fil-Krimea li permezz tiegħu l-komunitajiet lokali tal-Krimea ġew immobilizzati biex jieħdu azzjonijiet li jdgħajfu lill-awtoritajiet Ukreni fil-Krimea. | 21.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 32. | Logutenent Ġeneral Igor Nikolaevich (Mykolayovich) TURCHENYUK<br><br>(Игорь Николаевич ТУРЧЕНЮК) | Sess: raġel<br><br>Data tat-twelid: 5.12.1959<br><br>Post tat-twelid: Osh, Kyrgyz SSR, (issa Kyrgyzstan)<br>Asema: kenraalieversti | Eks Kmandant de facto tat-truppi Russi stazzjonati fil-Krimea annessa illegalment (li r-Russja uffiċjalment għadha ssejħilhom "milizzji lokali għall-awtodifiża"). Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar.<br><br>Kap tad-Distrett tan-Nofsinhar tal-Gwardja Nazzjonali Russa.<br><br>F'April 2023, id-Distrett tiegħu kiseb il-Midalja ta' Zhukov "għall-kuraġġ u d-dedikazzjoni", filwaqt li Turchenyuk innifsu rċieva "Għall-Mertu lejn il-Patrija" fit-Tielet Klassi.<br><br>B'hekk, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 21.3.2014 |
| 37. | Sergei Ivanovich MENYAILO<br><br>(Сергей Иванович МЕНЯЙЛО) | Sess: raġel<br><br>Data tat-twelid: 22.8.1960<br><br>Post tat-twelid: Alagir, North-Ossetian Autonomous SSR, RSFSR (issa Russian Federation) | Eks Gvernatur tal-belt Ukrena annessa ta' Sevastopol.<br><br>Eks Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja. Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Kap tal-Ossezja ta' Fuq mid-19 ta' Settembru 2021.<br><br>Baqa' attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti, inkluż il-parteċipazzjoni ta' ġellieda fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-provvista ta' tagħmir militari mill-Ossezja għali din il-gwerra.<br><br>B'hekk, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 29.4.2014 |
| 76. | Rashid Gumarovich NURGALIEV<br><br>(Рашид Гумарович НУРГАЛИЕВ) | Sess: raġel<br><br>Data tat-twelid: 8.10.1956<br><br>Post tat-twelid: Zhetikara, Kazakh Soviet Socialist Republic (issa Kazakhstan) | Membru u, minn Frar 2023, l-Ewwel Viċi Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jagħti pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 81. | Alexander Nikolayevich TKACHYOV<br><br>(Александр Николаевич ТКАЧЁВ) | Sess: raġel<br><br>Data tat-twelid: 23.12.1960<br><br>Post tat-twelid: Vyselki, Krasnodar region, Russian Federation | Eks Gvernatur tal-Krasnodar Krai.<br><br>Ingħata l-midalja "għall-ħelsien tal-Krimea" mill-Aġent Kap tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" għall-appoġġ li ta lill-annessjoni illegali tal-Krimea. F'dik l-okkażjoni, l-Aġent Kap tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" qal li Tkachyov kien minn tal-ewwel li esprimew l-appoġġ tagħhom għat-"tmexxija" l-ġdida tal-Krimea.<br><br>Eks Ministru għall-Agrikoltura tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Azzjonist ewlieni tal-kumpanija Agrocomplex, li ħatfet żoni kbar ta' art agrikola fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna.<br><br>Tkachyov wiegħed pubblikament li jappoġġa lill-irġiel mobilizzati li jipparteċipaw fil-gwerra kontra l-Ukrajna. | 25.7.2014 |
| 83. | Ekaterina Yurievna GUBAREVA<br><br>(Екатерина Юрьевна ГУБАРЕВА)<br><br>Kateryna Yuriyivna GUBARIEVA (HUBARIEVA)<br><br>(Катерина Юріївна ГУБАРЄВА) | Sess: mara<br><br>Data tat-twelid: 5.7.1983 jew 10.3.1983<br><br>Post tat-twelid: Kakhovka (Kherson oblast), Ukraine | Fil-kapaċità tagħha tal-hekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Affarijiet Barranin" kienet responsabbli għad-difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u għalhekk dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għalhekk billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, appoġġat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.<br><br>Eks Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (sa Novembru 2018).<br><br>Eks "viċi kap tal-amministrazzjoni militari-ċivili fir-reġjun ta' Kherson" bejn Ġunju 2022 u Diċembru 2022. | 25.7.2014 |
| 87. | Vladimir ANTYUFEYEV<br><br>(magħruf ukoll bħala Vladimir SHEVTSOV, Vladimir Iurievici ANTIUFEEV, Vladimir Gheorghievici ALEXANDROV, Vadim Gheorghievici SHEVTSOV)<br><br>(Владимир Юрьевич АНТЮФЕЕВ) | Sess: raġel<br><br>Data tat-twelid: 19.2.1951<br><br>Post tat-twelid: Novosibirsk, Russian Federation | Eks "Ministru għas-Sigurtà tal-Istat" fir-reġjun separatist ta' Transnistrija. Eks viċi prim ministru tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", responsabbli għas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi. Fil-kapaċità tiegħu kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br><br>Membru tal-Bord u Viċi Direttur Ġenerali tal-intrapriża tal-Istat "United Engine Corporation", membru tal-Bord tal-intrapriża tal-Istat JSC Research and Production Enterprise imsemmija "Temp" għal F. Korotkov.<br><br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 92. | Arkady Romanovich ROTENBERG<br>Arkadii Romanovich ROTENBERG<br>(Аркадий Романович РОТЕНБЕРГ) | Data tat-twelid: 15.12.1951<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br>Sess: raġel | Arkady Rotenberg huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja b'rabtiet personali mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Minn Marzu 2014 Rotenberg jew il-kumpaniji tiegħu rċevew kuntratti tal-Istat li jammontaw għal aktar minn USD 7 biljun. Fl-2015 Rotenberg kien fil-quċċata tal-lista annwali ta' kuntratti tal-gvern f'termini ta' valur, wara li ngħata kuntratti li jiswew RUB 555 biljun mill-Gvern Russu. Ħafna minn dawn il-kuntratti ngħataw mingħajr proċessi kompetittivi formali. Fit-30 ta' Jannar 2015 il-Prim Ministru Dmitry Medvedev iffirma digriet li ta lill-kumpanija Stroygazmontazh ta' Rotenberg Kuntratt tal-Istat għall-bini tal-pont ta' Kerch, mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment.<br>Permezz ta' dawn il-kuntratti bbenefika finanzjarjament minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.<br>Eks sid tal-kumpanija Stroygazmontazh, li ngħatat kuntratt tal-Istat għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment, li b'hekk ikkonsolidat l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa u minħabba dan tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Bl-istess mod, f'Jannar 2017 Stroygazmontazh ingħatat kuntratt tal-Istat ta' RUB 17-il biljun għall-bini ta' linja ferrovjarja fuq il-pont ta' Kerch, li għal darb'oħra tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna.<br>Sid żewġ kumpaniji, Mostotrest u Stroygazmontazh-Most, iddeżinjati għall-attivitajiet tagħhom li jdgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna (l-entitajiet Nru 43 u 46 f'dan l-Anness). Fl-2019 Rotenberg biegħ il-kumpanija tal-kostruzzjoni tal-pipelines tal-gass Stroygazmontazh.<br>Għall-involviment tiegħu fil-bini tal-pont ta' Kerch, f'Marzu 2020 ngħata l-ordni tal-Istat "Eroj tax-Xogħol tal-Federazzjoni Russa".<br>Huwa l-President tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija tal-pubblikazzjoni Prosvescheniye, li b'mod partikolari implimentat il-proġett "To the Children of Russia: Address – Crimea", kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi li tfasslet biex tikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li issa huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja, u b'hekk jappoġġaw il-politika tal-Gvern Russu li l-Krimea tiġi integrata fir-Russja.<br>Fit-30 ta' Jannar 2021, Arkady Rotenberg iddikjara lilu nnifsu l-benefiċjarju tal-hekk imsejjaħ "Palazz ta' Putin" f'Gelendzhik, li jidher fl-investigazzjoni tal-Fondazzjoni ta' Alexey Navalny Kontra l-Korruzzjoni. | 15.3.2015 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 105. | Mikhail Sergeyevich SHEREMET<br>(Михаил Сергеевич ШЕРЕМЕТ)<br>Mykhaylo Serhiyovych SHEREMET<br>(Михайло Сергійович ШЕРЕМЕТ) | Data tat-twelid: 23.5.1971<br>Post tat-twelid: Dzhankoy, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment.<br>L-eks hekk imsejjaħ "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-Krimea. Sheremet kellu rwol ewlieni fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tar-referendum tas-16 ta' Marzu 2014 fil-Krimea dwar l-unifikazzjoni mar-Russja. Fi żmien ir-referendum, intqal li Sheremet ikkmanda lill-"forzi ta' awtodifiża" favur Moska fil-Krimea. Għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Fit-18 ta' Settembru 2016 ġie elett deputat tad-Duma mill-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment u fid-19 ta' Settembru 2021 ġie elett Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment. Membru tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat dwar is-Sigurtà u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni.<br>Fil-15 ta' Frar 2022, fid-Duma tal-Istat, Sheremet appoġġa r-riżoluzzjoni li titlob lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin jirrikonoxxi r-reġjuni Ukreni ta' Donetsk u Luhansk bħala stati indipendenti.<br>Bħala Membru tad-Duma tal-Istat, huwa appoġġa r-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"'.<br>Fit-3 ta' Ottubru 2022 ivvota favur ir-ratifika tat-trattati u l-adozzjoni tal-liġijiet dwar l-adeżjoni tar-"Repubbliki tal-Poplu" ta' Donetsk u Luhansk u tar-reġjuni ta' Kherson u Zaporizhzhia mal-Federazzjoni Russa. | 12.9.2014 |
| 106. | Yuri Leonidovich VOROBIOV<br>magħruf ukoll bħala Yury Leonidovich VOROBYOV<br>(Юрий Леонидович ВОРОБЬЕВ) | Data tat-twelid: 2.2.1948<br>Post tat-twelid: Krasnoyarsk, USSR (issa, Russian Federation)<br>Sess: raġel | Membru u Viċi Speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Federazzjoni Russa, fejn jikkoordina l-ħidma tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Federazzjoni dwar id-Difiża u s-Sigurtà, jagħtih struzzjonijiet u jikkontrolla l-eżekuzzjoni ta' dawk l-istruzzjonijiet.<br>Fl-1 ta' Marzu 2014, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Vorobiov appoġġa pubblikament l-istazzjonament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Wara vvota favur id-digriet relatat.<br>Bħala Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni pparteċipa fir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk"' u t-'"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"'. | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Fit-22 ta' Frar 2022, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Vorobiov appoġġa l-istazzjonament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.<br>Fl-4 ta' Ottubru 2022, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Vorobiov appoġġa l-leġiżlazzjoni biex jiġu annessi r-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia. | |
| 108. | Vladimir Abdualiyevich VASILYEV<br>(Владимир Абдуалиевич ВАСИЛЬЕВ) | Data tat-twelid: 11.8.1949<br>Post tat-twelid: Klin, Moscow Region, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Eks kap tar-Repubblika ta' Dagestan. Eks Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa.<br>Membru tad-Duma tal-Istat u mexxej tal-fazzjoni United Russia fid-Duma tal-Istat. F'dik il-kapaċità pparteċipa fir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'Trattati ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"'.<br>Fit-3 ta' Ottubru 2022, fid-Duma tal-Istat, Vasilyev appoġġa l-leġiżlazzjoni biex jiġu annessi r-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.<br>B'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna. | 12.9.2014 |
| 111. | Vladimir Stepanovich NIKITIN<br>(Владимир Степанович НИКИТИН) | Data tat-twelid: 5.4.1948<br>Post tat-twelid: Opochka, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | Eks membru tad-Duma tal-Istat u eks l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewrasjatika u r-Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Eks membru tal-Presidju tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista tal-Federazzjoni Russa.<br>Mexxej tal-moviment pubbliku għalkollox Russu "Russian Concord" li jipprova joħloq ċivilizzazzjoni Russa unika u jsaħħaħ il-pożizzjoni tar-Russja f'dak li qabel kien l-ispazju Sovjetiku u l-KSI. | |
| 118. | Sergey Viktorovich CHEMEZOV<br>(Сергей Викторович ЧЕМЕЗОВ) | Data tat-twelid: 20.8.1952<br>Post tat-twelid: Cheremkhovo, Irkutsk oblast, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | Sergei Chemezov huwa wieħed mill-assoċjati mill-qrib magħrufa tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, billi t-tnejn kienu uffiċjali tal-KGB stazzjonati fi Dresden u huwa membru tal-Kunsill Suprem ta' "United Russia". Qed jibbenefika mir-rabtiet tiegħu mal-President Russu billi ġie promoss għal pożizzjonijiet għolja f'kumpaniji kkontrollati mill-Istat. Jippresiedi l-konglomerat Rostec, il-korporazzjoni ewlenija Russa tad-difiża u l-manifattura industrijali kkontrollata mill-Istat. Wara deċiżjoni tal-Gvern Russu, Technopromexport, sussidjarja ta' Rostec, biħsiebha tibni impjanti tal-enerġija fil-Krimea u b'hekk tappoġġa l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa.<br>Barra minn hekk Rosoboronexport, sussidjarja ta' Rostec, appoġġat l-integrazzjoni ta' kumpaniji tad-difiża mill-Krimea fl-industrija tad-difiża tar-Russja, u b'hekk ikkonsolidat l-annessjoni illegali tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk Sergei Chemezov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Barra minn hekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa materjalment u finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnhom. Fl-aħħar nett huwa responsabbli wkoll għall-fatt li appoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnu. | 12.9.2014 |
| 119. | Alexander Mikhailovich BABAKOV<br>(Александр Михайлович БАБАКОВ) | Data tat-twelid: 8.2.1963<br>Post tat-twelid: Chisinau, USSR (issa Republic of Moldova)<br>Sess: raġel | Membru u Viċi President tad-Duma tal-Istat. Eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Federazzjoni Russa. Eks membru tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin. Kien membru prominenti tal-partit politiku "United Russia". Reġa' ġie elett fid-Duma tal-Istat f'Settembru 2021 għall-partit "A Just Russia". Huwa negozjant b'investimenti kbar fl-Ukrajna u fil-Krimea.<br>Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". | 12.9.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Wara l-fużjoni tal-partiti politiċi "A Just Russia", "For Truth" u "Patriots of Russia", Babakov sar is-Segretarju tal-Presidju tal-Kunsill Ċentrali tal-entità fuża.<br><br>Bħala Membru tad-Duma tal-Istat irratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'Trattati ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"'. Fit-3 ta' Ottubru 2022 ivvota favur l-abbozzi ta' liġijiet dwar ir-ratifika tat-trattati dwar l-adeżjoni tar-"Repubbliki tal-Poplu" ta' Donetsk u Luhansk u tar-reġjuni ta' Kherson u Zaporizhzhia mal-Federazzjoni Russa. B'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna. | |
| 126. | Dmitry Aleksandrovich SEMYONOV<br><br>Dmitrii Aleksandrovich SEMENOV<br><br>(Дмитрий Александрович СЕМЕНОВ) | Data tat-twelid: 1.6.1977<br><br>Post tat-twelid: USSR (issa Russian Federation)<br><br>Sess: raġel | Eks "Viċi Prim Ministru għall-Finanzi" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br><br>Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br><br>Jaħdem bħala l-Viċi Rettur għall-Istrateġija u r-Relazzjonijiet Governattivi tal-Università Finanzjarja taħt il-Gvern tal-Federazzjoni Russa f'Moska.<br><br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' strutturi separatisti tal-LNR. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 128. | Lesya Mikhaylovna LAPTEVA<br>(Леся Михайловна ЛАПТЕВА)<br>Lesya Mykhaylivna LAPTIEVA<br>(Леся Михайлівна ЛАПТЄВА)<br>Isem ta' miżżewġa: Lesya TARASYUK<br>(Леся ТАРАСЮК) | Data tat-twelid: 11.3.1976<br>Post tat-twelid: Dzhambul/Jambul/ Taraz, USSR ( issa Kazakhstan)<br>Sess: mara | Eks "Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza, il-Kultura u r-Reliġjon" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għalhekk billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, b'mod attiv appoġġat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Taħdem għall-fond "Mir Detiam" f'Moska.<br>Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 29.11.2014 |
| 130. | Ihor Volodymyrovych KOSTENOK<br>(magħruf ukoll bħala Igor Vladimirovich KOSTENOK)<br>(Игорь Владимирович КОСТЕНОК) | Data tat-twelid: 15.3.1961<br>Post tat-twelid: Vodyanske, Dobropillia Rayon, Donetsk oblast, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Edukazzjoni" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Għalhekk billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Jaħdem għall-Akkademja Maniġerjali u tas-Servizz Pubbliku ta' Donetsk taħt l-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Minn Settembru 2018 Professur tad-Dipartiment tal-Istat u l-Amministrazzjoni Muniċipali fl-Istituzzjoni Edukattiva Baġitarja tal-Istat Federali tal-Edukazzjoni Għolja "Università Russa tal-Ekonomija. G.V. Plekhanov".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 29.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 131. | Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV<br>(magħruf ukoll bħala Yevhen Vyacheslavovych ORLOV)<br>(Евгений Вячеславович ОРЛОВ) | Data tat-twelid: 21.10.1983<br>Post tat-twelid: Snizhne, Donetsk oblast, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | Eks Membru tal-"Kunsill Nazzjonali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks President tal-moviment pubbliku "Free Donbass" u eks kmandant tad-"Don battalion".<br>Għalhekk billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Eks Viċi President tal-Kumitat dwar l-Industrija u l-Kummerċ tal-Assemblea Nazzjonali tad-DPR.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 29.11.2014 |
| 132. | Vladyslav Mykolayovych DEYNEGO<br>(magħruf ukoll bħala Vladislav Nikolayevich DEYNEGO)<br>Vladislav Nikolaevich DEINEGO)<br>(Владислав Миколайович ДЕЙНЕГО)<br>(Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО) | Data tat-twelid: 12.3.1964<br>Post tat-twelid: Romny, Sumy oblast, USSR (issa Ukraine)<br>jew possibbilment Hirnytskyi village, Perevalsk district, Luhansk oblast, Ukraine<br>Sess: raġel | Eks "Viċi Kap" tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għalhekk billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>L-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Barranin" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 29.11.2014 |
| 137. | Eduard Aleksandrovich BASURIN<br>(Эдуард Александрович БАСУРИН)<br>Eduard Oleksandrovych BASURIN<br>(Едуард Олександрович БАСУРІН) | Data tat-twelid: 27.6.1966<br>Post tat-twelid: Donetsk, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | Kelliem u Viċi Kap tal-"Milizzja tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks Viċi Ministru għad-Difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Għalhekk billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Eks Viċi Kap u rappreżentant uffiċjali tad-"Dipartiment tal-Milizzja tal-Poplu tad-DPR".<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 16.2.2015 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 140. | Sergey Yurevich KUZOVLEV<br>(magħruf ukoll bħala IGNATOV, TAMBOV)<br>(Сергей Юрьевич КУЗОВЛЕВ (magħruf ukoll bħala Сергей; ИГНАТОВ, ТАМБОВ)) | Data tat-twelid: 7.1.1967<br>Post tat-twelid: Michurinsk, Tambov oblast, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ Kap Kmandant tal-Milizzja tal-Poplu tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għalhekk billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Eks Kmandant tat-Tmien Armata tal-Forzi Armati Russi. Eks Kap tal-Persunal u l-eks l-Ewwel Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Russu. Ilu l-Kmandant ta' dak id-Distrett minn Jannar 2023. | 16.2.2015 |
| 143. | Evgeny Vladimirovich MANUYLOV<br>(Евгений Владимирович МАНУЙЛОВ)<br>Yevhen Volodymyrovych MANUYLOV<br>(Євген Володимирович МАНУЙЛОВ) | Data tat-twelid: 5.1.1967<br>Post tat-twelid: Baranykivka, Bilovodsk Raion, Luhansk region, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Finanzi u t-Taxxi" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għalhekk billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 16.2.2015 |
| 149. | Andrei Valeryevich KARTAPOLOV<br>(Андрей Валерьевич КАРТАПОЛОВ) | Data tat-twelid: 9.11.1963<br>Post tat-twelid: German Democratic Republic (issa Germany)<br>Sess: raġel | Andrei Kartapolov ilu Membru tad-Duma tal-Istat mid-19 ta' Settembru 2021. Huwa President tal-Kumitat tad-Difiża u Kopresident tal-Kummissjoni tad-Duma tal-Istat għall-kunsiderazzjoni tal-infiq tal-baġit federali bl-għan li jiġu żgurati d-difiża nazzjonali, is-sigurtà nazzjonali u l-infurzar tal-liġi. Eks Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent. Eks Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet Prinċipali u viċi kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukrajna.<br>Skont l-attivitajiet iddikjarati tal-persunal ġenerali, fl-eżerċitar tal-kontroll operazzjonali fuq il-forzi armati kien involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Eks Viċi Ministru għad-Difiża.<br>Fit-3 ta' Ottubru 2022 ivvota favur l-abbozzi ta' liġijiet dwar ir-ratifika tat-trattati dwar l-adeżjoni tar-"Repubbliki tal-Poplu" ta' Donetsk u Luhansk u tar-reġjuni ta' Kherson u Zaporizhzhia mal-Federazzjoni Russa. | 16.2.2015 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 151. | Valery Fedorovich RASHKIN<br>(Валерий Фëдорович РАШКИН) | Data tat-twelid: 14.3.1955<br>Post tat-twelid: Zhilino, Kaliningrad region, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat dwar kwistjonijiet ta' Etniċità.<br>Huwa l-fundatur tal-moviment ċiviku "Krassnaya Moskva - Red Moscow – Patriotic Front Aid" li organizza dimostrazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw lis-separatisti, u b'hekk appoġġa politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".<br>Fit-22 ta' Frar 2022, fid-Duma tal-Istat, Rashkin appoġġa r-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk"' u t-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"'. | 16.2.2015 |
| 152. | Ruslan Ismailovich BALBEK<br>(Руслан Исмаилович БАЛЬБЕК) | Data tat-twelid: 28.8.1977<br>Post tat-twelid: Bekabad, USSR (issa Uzbekistan)<br>Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment.<br>Eks Viċi President tal-Kumitat tad-Duma dwar affarijiet etniċi.<br>Fl-2014, Balbek inħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" u ħadem f'din il-kapaċità għall-integrazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li għaliha ġie ppremjat b'midalja "Għad-Difiża tar-'Repubblika tal-Krimea"'. Appoġġa l-annessjoni tal-Krimea fi stqarrijiet pubbliċi, inkluż fuq il-profil tiegħu fis-sit web ta' United Russia (il-fergħa tal-Krimea) u f'artiklu fl-istampa ppubblikat fuq is-sit web tal-NTV fit-3 ta' Lulju 2016.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 9.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 153. | Konstantin Mikhailovich BAKHAREV<br>(Константин Михайлович БАХАРЕВ) | Data tat-twelid: 20.10.1972<br>Post tat-twelid: Simferopol, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-”Repubblika Awtonoma tal-Krimea” annessa illegalment.<br>Viċi President tal-Kumitat tad-Duma dwar is-Swieq Finanzjarji.<br>F'Marzu 2014 Bakharev inħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Krimea”, u f'Awwissu 2014 nħatar l-Ewwel Viċi President ta' dak il-korp. Ammetta l-involviment personali tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, fatt li appoġġa pubblikament, inkluż f'intervista ppubblikata fuq is-sit web gazetakrimea.ru fit-22 ta' Marzu 2016 u s-sit web c-pravda.ru fit-23 ta' Awwissu 2016. Ingħata l-ordni ”Għal-lealtà għad-dmir” mill-”awtoritajiet” tar-”Repubblika tal-Krimea”.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 9.11.2016 |
| 154. | Dmitry Anatolievich BELIK<br>(Дмитрий Анатольевич БЕЛИК) | Data tat-twelid: 17.10.1969<br>Post tat-twelid: Kular, Ust-Yansky district, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat, elett mill-belt ta' Sevastopol annessa illegalment.<br>Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar l-affarijiet internazzjonali.<br>Bħala membru tal-amministrazzjoni muniċipali ta' Sevastopol, fi Frar-Marzu 2014 appoġġa l-attivitajiet tal-hekk imsejjaħ ”Sindku tal-Poplu” Alexei Chaliy. Ammetta pubblikament l-involviment tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, fatt li ddefenda pubblikament, inkluż fuq is-sit web personali tiegħu u f'intervista ppubblikata fil-21 ta' Frar 2016 fuq is-sit web nation-news.ru.<br>Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ”Għall-Mertu lejn il-Patrija – it-tieni grad”.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 9.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 155. | Andrei Dmitrievich KOZENKO<br>(Андрей Дмитриевич КОЗЕНКО) | Data tat-twelid: 3.8.1981<br>Post tat-twelid: Simferopol, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment.<br>Eks Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar is-Swieq Finanzjarji.<br>F'Marzu 2014 Kozenko nħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Ammetta pubblikament l-involviment tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, fatt li ddefenda pubblikament, inkluż f'intervista ppubblikata fuq is-sit web gazetakrimea.ru fit-12 ta' Marzu 2016. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat b'midalja "Għad-difiża tar-"Repubblika tal-Krimea"" mill-"awtoritajiet" lokali.<br>Huwa l-koordinatur tal-Kumitat ta' Integrazzjoni "Russia-Donbas".<br>Minn Lulju 2022 huwa l-hekk imsejjaħ "Viċi Kap" tal-hekk imsejħa "Amministrazzjoni Reġjonali ta' Zaporizhzhia", stabbilita mill-forzi Russi f'Melitopol okkupata.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 9.11.2016 |
| 156. | Svetlana Borisovna SAVCHENKO<br>(Светлана Борисовна САВЧЕНКО) | Data tat-twelid: 24.6.1965<br>Post tat-twelid: Belohirsk, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: mara | Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment.<br>Eks Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kultura.<br>Ilha mill-2012 membru tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" u minn Marzu 2014 appoġġat l-integrazzjoni tal-Krimea u Sevastopol annessi illegalment fil-Federazzjoni Russa. F'Settembru 2014 Savchenko ġiet eletta fil-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Iddefendiet l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol bosta drabi fi stqarrijiet pubbliċi, inkluż f'intervisti ppubblikati fuq is-sit web c-pravda.ru fit-2 ta' April 2016 u fl-20 ta' Awwissu 2016. Fl-2014 ingħatat l-ordni tal-Istat Russu "Għas-servizzi lil art twelidha" – grad II u fl-2015 ingħatat l-ordni "Għal-lealtà għad-dmir" mill-"awtoritajiet" tar-"Repubblika tal-Krimea".<br>Hija konsulent tal-President tal-Kunsill tal-Istat tar-"Repubblika tal-Krimea".<br>Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 9.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 159. | Evgeniy Petrovich GRABCHAK<br>(Евгений Петрович ГРАБЧАК) | Data tat-twelid: 18.7.1981<br>Post tat-twelid: Ust-Labinsk, Krasnodar region, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | Ilu mill-2020 President tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC "Krymenergo", li topera fis-settur tal-enerġija u r-riżorsi naturali. Eks Kap ta' Dipartiment fil-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa, u fil-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa responsabbli għall-iżvilupp ta' proġetti elettroenerġetiċi fil-Krimea. Dawn il-proġetti jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mod kif tiġi appoġġata s-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Viċi Ministru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa. | 4.8.2017 |
| 167. | Olga Valerievna POZDNYAKOVA / Olga Valeryevna POZDNYAKOVA<br>(Ольга Валерьевна ПОЗДНЯКОВА)<br>Olga Valeriyivna POZDNYAKOVA<br>(Ольга Валеріївна ПОЗДНЯКОВА) | Data tat-twelid: 30.3.1982<br>Post tat-twelid: Shakhty, Rostov Oblast, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: mara | Eks "President" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". F'din il-kapaċità ppparteċipat fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u b'hekk b'mod attiv appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Eks Kap tad-Direttorat għall-Politika Domestika fl-amministrazzjoni tal-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Hija d-direttriċi tal-Fond Nekrasov, organizzazzjoni soċjali u kulturali bbażata f'Donetsk u ffinanzjata min-negozjant Vladimir Nekrasov, filwaqt li tipparteċipa f'attivitajiet li jippromwovu l-politiki tat-tmexxija tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". | 10.12.2018 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 168. | Elena Valerievna KRAVCHENKO / Elena Valeryevna KRAVCHENKO<br>(Елена Валериевна КРАВЧЕНКО)<br>Olena Valeriyivna KRAVCHENKO<br>(Олена Валеріївна КРАВЧЕНКО) | Data tat-twelid: 22.2.1983<br>Post tat-twelid: Sverdlovsk (Ekaterinburg), USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: mara | ”President” tal-”Kummissjoni Elettorali Ċentrali” tal-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. F'din il-kapaċità pparteċipat fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa ”elezzjonijiet” tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”, u b'hekk b'mod attiv appoġġat azzjonijiet u implimentat politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Ipparteċipat b'mod attiv fl-organizzazzjoni tar-referendum illegali ta' Settembru 2022 fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna biex isiru parti mill-Federazzjoni Russa, b'siti tal-votazzjoni stabbiliti wkoll mill-kummissjoni tagħha fl-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”.<br>Ghadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 10.12.2018 |
| 169. | Leonid Ivanovich PASECHNIK<br>(Леонид Иванович ПАСЕЧНИК)<br>Leonid Ivanovych PASICHNYK<br>(Леонід Іванович ПАСІЧНИК) | Data tat-twelid: 15.3.1970<br>Post tat-twelid: Voroshylovhrad, Luhansk, Voroshilovghrad Oblast, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | ”Mexxej elett” tal-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Ghadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 10.12.2018 |
| 171. | Denis Nikolaevich MIROSHNICHENKO<br>(Денис Николаевич МИРОШНИЧЕНКО) | Data tat-twelid: 8.12.1987<br>Post tat-twelid: Luhansk, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | ”President” tal-hekk imsejjaħ ”Kunsill tal-Poplu” tal-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Membru tal-partit United Russia u s-segretarju tiegħu fl-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. | 10.12.2018 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 173. | Vladimir Yurievich VYSOTSKIY<br>(Владимир Юрьевич ВЫСОЦКИЙ)<br>Volodymyr Yuriyovych VYSOTSKYI<br>(Володимир Юрійович ВИСОЦЬКИЙ) | Data tat-twelid: 7.4.1985<br>Post tat-twelid: Likarstvenne village, USSR (issa Autonomous ”Republic of Crimea”, Ukraine)<br>Sess: raġel | Eks ”Segretarju” tal-”Kummissjoni Elettorali Ċentrali” tal-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u Kap attwali tal-”Kummissjoni Elettorali Ċentrali” tal-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”. F'dik il-kapaċità ppparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa ”elezzjonijiet” tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”, u b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Ipparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni tar-referendum illegali f'Settembru 2022 fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna biex isiru parti mill-Federazzjoni Russa, b'siti tal-votazzjoni stabbiliti wkoll mill-kummissjoni tiegħu fl-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta Donetsk”.<br>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. | 10.12.2018 |
| 185. | Lidia Aleksandrovna BASOVA<br>(Лидия Александровна БАСОВА)<br>Lidiya Oleksandrivna BASOVA<br>(Лідія Олександрівна БАСОВА) | Data tat-twelid: 4.9.1972<br>Sess: mara | Eks Viċi Kap tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità ppparteċipat fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment, u b'hekk b'mod attiv appoġġat azzjonijiet u implimentat politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 28.1.2020 |
| 187. | Ekaterina Borisovna ALTABAEVA<br>(Екатерина Борисовна АЛТАБАЕВА)<br>Kateryna Borysivna ALTABAEVA<br>(Катерина Борисівна АЛТАБАЄВА) | Data tat-twelid: 27.5.1956<br>Post tat-twelid: Uglich, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: mara | Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u Viċi President tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Federazzjoni dwar ix-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-Kultura. Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, ħadmet għal aktar integrazzjoni tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa. Fit-22 ta' Frar 2022, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Altabaeva appoġġat ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”' u t-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”'.<br>Fit-22 ta' Frar 2022, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Altabaeva appoġġat l-istazzjonament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.<br>Fl-4 ta' Ottubru 2022, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Altabaeva appoġġat il-leġiżlazzjoni biex jiġu annessi r-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia. | 28.1.2020 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | B'hekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u implimentat politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | |
| 190. | Mikhail Vladimirovich RAZVOZHAEV<br>(Михаил Владимирович РАЗВОЖАЕВ)<br>Mykhailo Volodymyrovich RAZVOZHAEV<br>(Михайло Володимирович РАЗВОЖАЄВ) | Data tat-twelid: 30.12.1980<br>Post tat-twelid: Krasnoyarsk, USSR (issa Russian Federation)<br>Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ "Gvernatur" tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment. Membru tal-Presidju tal-Kunsill tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mill-21 ta' Diċembru 2020. Billi assuma l-kapaċità tiegħu bħala "Gvernatur" u aġixxa fiha, ħadem għal aktar integrazzjoni tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, u b'hekk b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 28.1.2020 |
| 209. | Oleksandr Viktorovych YANUKOVYCH<br>(Олександр Вікторович ЯНУКОВИЧ) | Data tat-twelid: 10.7.1973<br>Post tat-twelid: Yenakiyeve, Donetsk Oblast, USSR (issa Ukraine)<br>Nazzjonalità: Ukrena<br>Sess: raġel | Oleksandr Yanukovych huwa negozjant u iben l-eks President tal-Ukrajna Viktor Yanukovych. Matul il-presidenza ta' Viktor Yanukovych u bis-saħħa tar-rabta personali ma' grupp ta' persuni qrib missieru, żviluppa firxa wiesgħa ta' interessi kummerċjali u akkumula ħafna ġid. Għadu jmexxi l-attivitajiet kummerċjali tiegħu fir-reġjun ta' Donbas ikkontrollat mill-gruppi separatisti, speċjalment fis-setturi tal-enerġija, il-faħam, il-kostruzzjoni, il-banek u l-proprjetà immobbli. B'mod partikolari, bis-saħħa ta' rabtiet mill-qrib mas-separatisti favur ir-Russja akkwista assi ekonomiċi ewlenin fl-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk", fost oħrajn fis-setturi tal-enerġija, il-faħam u l-proprjetà immobbli. Il-battaljun separatista OPLOT (elenkat minn Frar 2015) ipproteġa l-proġetti tiegħu ta' żvilupp tal-proprjetà immobbli fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Il-kumpanija MAKO Holding ta' Oleksandr Yanukovych ġiet uffiċjalment trasferita għall-ġuriżdizzjoni Russa u issa hija rreġistrata f'Donetsk. Qabel it-tranżizzjoni lejn il-ġuriżdizzjoni Russa, il-grupp ta' kumpaniji MAKO kien de jure taħt ġuriżdizzjoni Ukrena.<br>Għalhekk Oleksandr Yanukovych huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.<br>Barra minn hekk huwa assoċjat ma' missieru Viktor Yanukovych, li huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Istat. | 4.8.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 210. | Viktor Fedorovych YANUKOVYCH<br>(Віктор Федорович ЯНУКОВИЧ) | Data tat-twelid: 9.7.1950<br>Post tat-twelid: Yenakiyeve, Donetsk Oblast, USSR (issa Ukraine)<br>Nazzjonalità: Ukrena<br>Funzjoni: eks President tal-Ukrajna, Negozjant ewlieni<br>Sess: raġel | Mill-2010 sal-2014 Viktor Yanukovych kien il-President tal-Ukrajna. Ħaddan politika favur ir-Russja meta kien f'din il-kariga. Qorti Ukrena sabet lil Viktor Yanukovych ħati ta' tradiment talli stieden lill-Federazzjoni Russa tinvadi lill-Ukrajna. Wara li tneħħa mill-kariga tiegħu mar jgħix ir-Russja, fejn kompla bl-attivitajiet tiegħu li għandhom l-għan li jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna.<br>Għen fl-interferenza militari Russa fl-Ukrajna billi f'Marzu 2014 stieden lill-President tal-Federazzjoni Russa jibgħat truppi Russi lejn l-Ukrajna. Viktor Yanukovych appoġġa lil politiċi favur ir-Russja li kellhom karigi pubbliċi fil-Krimea okkupata. Fl-2021, fl-Ukrajna nfetħet investigazzjoni ġdida ta' qabel il-kawża li skontha Viktor Yanukovych, flimkien ma' żewġ eks Ministri għad-Difiża, kienu naqqsu intenzjonalment il-kapaċità ta' difiża tal-Ukrajna, b'mod partikolari fir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea".<br>Fil-21 ta' April 2010, il-President tal-Ukrajna ta' dak iż-żmien Viktor Yanukovych u l-President tar-Russja ta' dak iż-żmien Dmitry Medvedev iffirmaw ftehim bejn l-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa, li skontu t-terminu tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa f'Sevastopol ġie estiż mill-2017 sal-2042. Bl-iffirmar tal-ftehimiet, Yanukovych ħoloq kundizzjonijiet favorevoli għal żieda fil-preżenza militari tar-Russja fl-Ukrajna u għat-tagħmir mill-ġdid u l-modernizzazzjoni tal-armi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed fit-territorju tal-Krimea. Sussegwentement, fl-2014 intużaw armi Russi li kienu fit-territorju tal-Ukrajna biex jiġu annessi r-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" u l-belt ta' Sevastopol.<br>Iqis ruħu l-President leġittimu tal-Ukrajna u b'mod konsistenti ppreżenta pożizzjoni favur ir-Russja fl-interventi pubbliċi tiegħu. Skont sorsi differenti Viktor Yanukovych kien parti minn operazzjoni speċjali Russa li kellha l-għan li tissostitwixxi lill-President Ukren bih matul l-ewwel fażijiet tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk il-President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja Ramzan Kadyrov talab lill-President tal-Ukrajna jittrasferixxi s-setgħat kollha tiegħu lil Viktor Yanukovych.<br>Għalhekk Viktor Yanukovych huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Istat. | 4.8.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 212. | Sergei Kuzhugetovich SHOIGU<br>(Сергей Кужугетович ШОЙГУ) | Data tat-twelid: 21.5.1955<br>Post tat-twelid: Chadan, Republic of Tuva, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Funzjoni: Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa<br>Sess: raġel | Sergei Shoigu huwa l-Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Għamel kummenti pubbliċi dwar li l-Krimea hija Russa u tibqa' Russa. Taħt il-kmand u l-ordnijiet tiegħu, it-truppi Russi kellhom eżerċizzji militari fil-Krimea annessa illegalment u taw bidu għal invażjoni militari tal-Ukrajna fuq skala kbira. Minħabba l-pożizzjoni tiegħu ta' Ministru għad-Difiża, huwa fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal kull azzjoni militari kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 214. | Marat Shakirzyanovich KHUSNULLIN<br>(Марат Шакирзянович ХУСНУЛЛИН) | Data tat-twelid: 9.8.1966<br>Post tat-twelid: Kazan, Republic of Tatarstan, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar-Russja għall-Kostruzzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Marat Khusnullin huwa l-Viċi Prim Ministru tar-Russja għall-Kostruzzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali. F'din il-kapaċità huwa responsabbli għall-politiki governattivi Russi dwar il-Krimea okkupata, inkluż il-forniment ta' ilma lill-Krimea u Sevastopol, kif ukoll għal proġetti ta' kostruzzjoni fir-reġjuni okkupati ta' Donetsk u Luhansk fl-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 219. | Igor Vladimirovich OSIPOV<br>(Игорь Владимирович ОСИПОВ) | Data tat-twelid: 6.3.1973<br>Post tat-twelid: Novo-Shunoe settlement, Fedorovsky district, Kostanay region, USSR (issa Kazakhstan)<br>Funzjoni: Eks Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed<br>Grad: Ammirall<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Igor Osipov huwa l-eks Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed. Għalhekk kien responsabbli għal kull operazzjoni marittima fl-Ukrajna jew immirata lejnha li għaddiet mill-Baħar l-Iswed u għall-fatt li llimita l-libertà ta' navigazzjoni fil-Baħar l-Iswed.<br>Għalhekk kien responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 220. | Oleg Leonydovych SALYUKOV<br><br>(Олег Леонидович САЛЮКОВ) | Data tat-twelid: 21.5.1955<br><br>Post tat-twelid: Saratov, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Funzjoni: Kap Kmandant tar-Russian Ground Forces<br><br>Grad: Ġeneral tal-Armata<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Il-Ġeneral tal-Armata Oleg Salyukov huwa l-Kap Kmandant tal-Forzi tal-Art Russi. Għalhekk huwa responsabbli għall-operazzjonijiet Russi fuq l-art fl-Ukrajna jew immirati lejnha. Huwa involut ukoll fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti patrijottiċi li għandhom l-għan li jrawmu l-appoġġ għall-armata Russa.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 221. | Sergei SUROVIKIN<br><br>(Сергей СУРОВИКИН) | Data tat-twelid: 11.10.1966<br><br>Post tat-twelid: Novosibirsk, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Funzjoni: Kmandant Ġenerali tal-Armata tal-Aerospace Forces<br><br>Grad: Ġeneral tal-Armata<br><br>Entitajiet assoċjati: Russian Aerospace Forces – Ministeru għad-Difiża<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Il-Ġeneral tal-Armata Sergei Surovikin ilu mill-31 ta' Ottubru 2017 il-Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi. Għalhekk huwa responsabbli għall-operazzjonijiet bl-ajru fl-Ukrajna jew immirati lejnha. Kien il-kmandant tal-forzi Russi kollha fl-invażjoni Russa kontra l-Ukrajna minn Ottubru 2022 sa Jannar 2023. Matul dak il-perjodu l-forzi Russi taw bidu għal attakki qawwija kontra bersalli ċivili, inkluż l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna. Attwalment huwa l-viċi kmandant tal-forzi Russi kollha fl-invażjoni Russa kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 223. | Violetta PRIGOZHINA<br><br>(Виолетта ПРИГОЖИНА) | Individwi assoċjati: Yevgeniy Viktorovich Prigozhin (iben); Lyubov Valentinovna Prigozhina (bint tar-rispett)<br><br>Data tat-twelid: 12.1.1939<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: mara | Violetta Prigozhina hija omm Yevgeniy Prigozhin, negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u eks sid Concord Management and Consulting LLC, li hija marbuta ma' negozji oħra tal-"familja Concord", fosthom Kombinat Pitaniiya. In-negozji tal-"familja Concord" huma assoċjati mill-qrib ma' Yevgeniy Prigozhin. Hija l-eks koproprjetarja ta' kumpaniji oħra marbuta ma' binha, inkluż "NOVYI VEK" Restaurant Equestrian Sport Complex LLC. Għalhekk Violetta Prigozhina hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika minn Yevgeniy Prigozhin. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 234. | Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN<br>(Евгений Викторович ПРИГОЖИН) | Data tat-twelid: 1.6.1961<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St Petersburg, Russian Federation)<br>Funzjoni: negozjant ewlieni b'rabtiet mill-qrib mat-tmexxija politika Russa<br>Persuni assoċjati: Lyubov Valentinovna Prigozhina (konjuġi); Violetta Prigozhina (omm)<br>Entitajiet assoċjati: Wagner Group, Internet Research Agency, Concord company group, Concord Management and Consulting LLC, Megaline LLC<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Yevgeniy Prigozhin huwa negozjant ewlieni Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u l-Ministeru għad-Difiża tar-Russja. Ikkonferma pubblikament li waqqaf il-Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja li hija responsabbli għall-istazzjonament tal-merċenarji ta' Wagner Group fl-Ukrajna. Fl-2022 ġiet stabbilita u rreġistrata kumpanija b'ishma konġunti msejħa "PMC Wagner Center" f'San Pietruburgu, bl-għan li "tipprovdi ambjent komdu għall-ġenerazzjoni ta' ideat ġodda biex tittejjeb il-kapaċità tad-difiża tar-Russja". Il-Wagner Group, immexxi minn Yevgeniy Prigozhin, kellu rwol importanti fil-ġlied u l-okkupazzjoni tat-territorji fil-Lvant tal-Ukrajna.<br>Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpanija li Prigozhin waqqaf u kellu s-sjieda tagħha sa Novembru 2019, kif ukoll grupp ta' kumpaniji oħra marbuta miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, kienu u għadhom qed jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja.<br>Għalhekk Yevgeniy Prigozhin huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Huwa responsabbli wkoll għal azzjonijiet li dgħajfu u heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u implimentahom b'mod attiv. Barra minn hekk kien u għadu qed jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. | 21.4.2022 |
| 348. | Vyacheslav Alexandrovich FETISOV<br>(Вячеслав Александрович ФЕТИСОВ) | Data tat-twelid: 20.4.1958<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 403. | Timofey Timofeyevich BAZHENOV<br>(Тимофей Тимофеевич БАЖЕНОВ) | Data tat-twelid: 25.1.1976<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-Rriżoluzzjoni Nru 58243-8 ”Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk” u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 437. | Anatoliy Vladimirovich VORONOVSKIY<br>(Анатолий Владимирович ВОРОНОВСКИЙ) | Data tat-twelid: 28.12.1966<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-Riżoluzzjoni Nru 58243-8 ”Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk” u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 527. | Denis Vasilievich MAIDANOV<br>(Денис Васильевич МАЙДАНОВ) | Data tat-twelid: 17.2.1976<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-Riżoluzzjoni Nru 58243-8 ”Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk” u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 642. | Nikita Gennadievich RUMYANTSEV<br>(Никита Геннадьевич РУМЯНЦЕВ) | Data tat-twelid: 27.4.1988<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern tat-'Trattati ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk” '. | 25.2.2022 |
| 643. | Mikhail Sergeyevich KISELYOV<br>(Михаил Сергеевич КИСЕЛЁВ)<br>(magħruf ukoll bħala Mikhail Sergeyevich KIZEEV)<br>(Михаил Владимирович КИЗЕЕВ) | Data tat-twelid: 18.6.1986<br>Sess: raġel | Membru tad-Duma tal-Istat li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern tat-'Trattati ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk’”. | 25.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 661. | Sergei Dmitrevich SIMONENKO<br>(Сергей Дмитриевич СИМОНЕНКО) | Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Eks Viċi Ministru għad-Difiża għall-Armamenti, Kap tal-Armamenti<br>Data tat-twelid: 2.4.1968<br>Post tat-twelid: Kostyukovichi, Mogilyov Region, USSR (issa Belarus)<br>Sess: raġel | Sergei Simonenko huwa Maġġur Ġeneral, eks Viċi Ministru għad-Difiża għall-Armamenti u Kap tal-Armamenti tar-Repubblika tal-Belarussja. Kien parti mill-armata Belarussa, li ilha mill-24 ta' Frar 2022 tappoġġa u tiffaċilita l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari billi ospitat u pparteċipat fl-eżerċizzji konġunti tal-forzi armati tal-Belarussja u tar-Russja fil-ġimgħat ta' qabel l-aggressjoni armata. Fil-pożizzjoni li kellu ta' Maġġur Ġeneral u Viċi Ministru għad-Difiża għall-Armamenti tar-Repubblika tal-Belarussja, Sergei Simonenko kien responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u appoġġahom b'mod attiv. | 25.2.2022 |
| 666. | Igor Viktorovich DEMIDENKO<br>(Игорь Викторович ДЕМИДЕНКО) | Data tat-twelid: 5.2.1971<br>Post tat-twelid: Mogilev, USSR (issa Belarus)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Eks Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent<br>Sess: raġel | Igor Viktorovich Demidenko huwa Maġġur Ġeneral u eks Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tar-Repubblika tal-Belarussja. Kien parti mill-armata Belarussa, li ilha mill-24 ta' Frar 2022 tappoġġa l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. F'din il-pożizzjoni ta' kmandant li kellu kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tat-truppi taħt il-kmand tiegħu fl-eżerċizzji militari konġunti tal-Belarussja u r-Russja, li ħejjew u ffaċilitaw l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Kellu wkoll sehem fil-parteċipazzjoni tat-truppi tiegħu f'dawn l-eżerċizzji, u ssorveljahom.<br>Għalhekk Igor Demidenko kien responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u appoġġahom b'mod attiv. | 25.2.2022 |
| 673. | Alisher USMANOV<br>(bir-Russu: Алишер Бурханович УСМАНОВ)<br>(bl-Użbek: Alisher USMONOV) | Data tat-twelid: 9.9.1953<br>Post tat-twelid: Chust, USSR (issa Uzbekistan)<br>Passaport: Nru tal-passaport Russu 55 0314316, validu mis-6.12.2019 sas-6.12.2029<br>Funzjoni: negozjant ewlieni Russu<br>Funzjoni: Sess: raġel | Alisher Usmanov huwa negozjant ewlieni favur il-Kremlin li għandu interessi f'kumpaniji tal-mineral tal-ħadid u tal-azzar, tal-media, tat-telekomunikazzjoni u tal-internet. L-akbar impriża tiegħu hija l-ġgant tal-azzar Metalloinvest li, flimkien ma' kumpaniji oħra, qed topera fis-settur tal-minerali u tipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern Russu. Alisher Usmanov għandu rabtiet partikolarment mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Issemma' bħala wieħed minn negozjanti ewlenin favoriti ta' Vladimir Putin. Jitqies bħala wieħed mill-uffiċjali-negozjanti tar-Russja li ġew fdati bis-servizzjar ta' flussi finanzjarji iżda li l-pożizzjonijiet tagħhom jiddependu mir-rieda tal-President. Intqal li Usmanov deher għall-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u solvielu l-problemi tiegħu fin-negozju. Għandu wkoll rabtiet mill-qrib ma' Dmitry Medvedev, il-Viċi President tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Russja u eks President u Prim Ministru tar-Russja, li bbenefika mill-użu personali ta' residenzi lussużi kkontrollati minn Usmanov. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Għalhekk b'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Barra minn hekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Meta Usmanov ħa l-kontroll tal-ġurnal ta' kuljum dwar in-negozju "Kommersant", tnaqqset il-libertà tal-persunal editorjali u l-gazzetta adottat pożizzjoni manifestament favur il-Kremlin. Taħt is-sjieda ta'Usmanov, il-Kommersant ippubblikat artiklu propogandist kontra l-Ukrajna minn Dmitry Medvedev, li fih l-eks President tar-Russja argumenta li kienx jagħmel sens li jsiru taħdidiet mal-awtoritajiet Ukreni attwali, li fil-fehma tiegħu kienu jinsabu taħt kontroll barrani dirett.<br><br>Għalhekk b'mod attiv appoġġa l-politiki tal-Gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | |
| 674. | Petr Olegovich AVEN<br><br>(Пётр Олегович АВЕН) | Data tat-twelid: 16.3. 1955<br><br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Funzjoni: Negozjant ewlieni qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group<br><br>Sess: raġel<br><br>Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Mikhail Fridman, German Borisovich Khan, Alexey Kuzmichev | Petr Aven huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin li jmorru lura għall-bidu tas-snin disgħin. Huwa azzjonist importanti ta' ABH Financial Limited, li tinkludi bank ewlieni Russu, Alfa Bank. Huwa wkoll azzjonist tad-ditta tal-investiment LetterOne.<br><br>Huwa wieħed minn madwar 50 negozjant għani Russu li jiltaqgħu regolarment mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin. Segwa direttivi mill-President tar-Russja u implimenta l-aġenda tal-politika barranija tiegħu. Aven u sieħbu fin-negozju Mikhail Fridman kienu involuti fl-isforzi tal-Kremlin biex jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent imposti biex tiġi miġġielda l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna.<br><br>Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Petr Aven, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Dik l-istedina speċjali turi li qed jappoġġa jew jimplimenta | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.<br><br>Aven ibbenefika mir-rabtiet tiegħu mal-gvern. Skambja xi pjaċiri mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex ikollu appoġġ politiku għan-negozju tiegħu u għal qligħ finanzjarju.<br><br>Il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group Consortium lejn l-awtoritajiet Russi billi ta għajnuna politika lill-pjanijiet ta' investiment barrani ta' Alfa Group Consortium.<br><br>Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tagħha joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Min-naħa l-oħra X5 Retail Group, sussidjarja oħra tal-konsorzju Alfa Group, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' forniment tal-ikel u ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ t-shirts bis-simbolu militari "Z" li jintuża mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-aggressjoni militari mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 675. | Mikhail Maratovich FRIDMAN<br>(Михаил Маратович ФРИДМАН) | Data tat-twelid: 21.4.1964<br>Post tat-twelid: Lviv, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Petr Aven, German Borisovich Khan, Alexey Kuzmichev | Mikhail Fridman huwa negozjant Russu. Huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' ABH Financial Limited, li tinkludi bank ewlieni Russu, Alfa Bank. Huwa wkoll azzjonist tad-ditta tal-investiment LetterOne. Irnexxielu jrawwem rabtiet b'saħħithom mal-amministrazzjoni ta' Vladimir Putin u ssemma' bħala finanzjatur u faċilitatur Russu ewlieni taċ-ċirku ta' ġewwa tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Irnexxielu jakkwista assi tal-Istat permezz ta' rabtiet mal-gvern. Skambja xi pjaċiri mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex ikollu appoġġ politiku għan-negozju tiegħu u għal qligħ finanzjarju. Il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group Consortium lejn l-awtoritajiet Russi billi ta għajnuna politika lill-pjanijiet ta' investiment barrani ta' Alfa Group Consortium.<br>Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tagħha joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-Sur Fridman u sieħbu fin-negozju Petr Aven kienu involuti fl-isforzi tal-Kremlin biex jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent imposti biex tiġi miġġielda l-politika aggressiva tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra tal-konsorzju Alfa Group, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' forniment tal-ikel u ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ t-shirts bis-simbolu militari "Z" li jintuża mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fridman u s-sieħeb fin-negozju tiegħu Petr Aven ilhom impenjati fl-isforzi tal-Kremlin biex jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent maħruġa biex jiġġieldu kontra l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. Appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 676. | Sergei Pavlovich ROLDUGIN<br>(Сергей Павлович РОЛДУГИН) | Data tat-twelid: 28.9.1951<br>Post tat-twelid: Sakhalin Oblast, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: ċellist, negozjant, ħabib mill-qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin<br>Sess: raġel | Roldugin huwa negozjant b'rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Jagħmel parti mill-iskema finanzjarja tan-network ta' Putin. Huwa sid mill-inqas ħames entitajiet offshore u jżomm l-assi tiegħu f'Bank Rossiya (sanzjonat mill-Unjoni), f'Moska magħruf bħala l-"Kartiera ta' Putin". Skont l-investigazzjoni tal-Konsorzju Internazzjonali ta' Ġurnalisti Investigattivi, Roldugin huwa responsabbli għar-riorganizzazzjoni ("shuffling") ta' mill-inqas USD 2 biljun minn ġo banek u kumpaniji offshore bħala parti min-network finanzjarju moħbi tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Ipparteċipa wkoll fit-"Troika Laundromat" u għadda biljuni ta' USD minn ġos-sistema. Barra minn hekk irċieva aktar minn USD 69 miljun minn kumpaniji fit-"Troika Laundromat". Il-fatt li Sergei Roldugin ma kienx qed jaġixxi fl-interess tiegħu stess ġie rrikonoxxut minn Qorti Żvizzera.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 28.2.2022 |
| 681. | Andrey Anatolyevich TURCHAK<br>(Андрей Анатольевич ТУРЧАК) | Data tat-twelid: 20.12.1975<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St Petersburg, Russian Federation)<br>Funzjoni: Segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia; L-ewwel viċi speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni<br>Sess: raġel | Andrey Turchak huwa s-segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia u l-ewwel viċi speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni. Is-suċċess politiku tiegħu huwa marbut ma' missieru, Anatoly Turchak, li kien jitħarreġ fil-judo mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u mal-aħwa Rotenberg. Ippromwova attitudni pożittiva għar-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu" separatisti ta' Donetsk u Luhansk.<br>Appella lill-awtoritajiet Russi biex jipprovdu armi avvanzati lill-forzi separatisti favuri ir-Russja fir-reġjun ta' Donbas. Stqarr pubblikament li kien impossibbli li l-kunflitt ta' Donbas jissolva b'mod paċifiku mal-awtoritajiet Ukreni. Esprima allegazzjonijiet infondati dwar offensiva militari Ukrena ppjanata f'Donbas. Mexxa n-negozjati ma' Denis Pushilin, kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatista ta' Donetsk. F'Jum id-Difensur tal-Patrija żar punt ta' mobilizzazzjoni tal-forzi armati separatisti fiż-żona tal-ewwel linja ta' Donbas biex personalment jifraħ lis-suldati tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatista ta' Donetsk. Iddefenda pubblikament id-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi r-"repubbliki" separatisti ta' Donbas. Iddikjara li r-Russja hija indifferenti għas-sanzjonijiet tal-Punent. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Inhatar kap ta' grupp ta' koordinazzjoni parlamentari li l-kompitu ewlieni tiegħu huwa li jtejjeb il-forniment tal-armata Russa u jħejji l-leġiżlazzjoni meħtieġa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | |
| 686. | Roman Georgievich BABAYAN<br>(Роман Георгиевич БАБАЯН) | Data tat-twelid: 7.12.1967<br>Post tat-twelid: Baku, Azerbaijan<br>Funzjoni: Ġurnalist, preżentatur tal-programm televiżiv "Own Truth" fuq l-istazzjon NTV. Kap editur tar-radju "Moscow Speaks". Membru tad-Duma tal-Belt ta' Moska.<br>Sess: raġel | Roman Babayan huwa ġurnalist u membru tad-Duma tal-Belt ta' Moska. Jippreżenta l-programm televiżiv "Own Truth" fuq l-istazzjon NTV. Huwa wkoll kap editur tar-radju "Moscow Speaks". Xerred propaganda kontra l-Ukrajna u ppromwova attitudni pożittiva lejn l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas.<br>F'intervista li ta lil Ukraina.ru stqarr b'mod ċar li kull abitant ta' Donbas jippreferi li r-reġjun jingħaqad mar-Russja, u qajjem dubji dwar id-dritt tal-Ukrajna għat-territorji tagħha stess. Barra minn hekk akkuża lill-awtoritajiet Ukreni b'persekuzzjonijiet f'Donbas abbażi tal-oriġini etnika u b'ġenoċidju de facto, u qal li l-Ukreni kienu qatlu tfal u anzjani f'Donbas. Appoġġa wkoll in-narrattiva Russa dwar ir-"reġim faxxista" fl-Ukrajna. Biex jagħmel dan ippreżenta reġistrazzjoni mhux ċara ta' suldati lebsin l-arma navali tal-Ġermanja Nazista u ddeskrivihom bħala Ukreni.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 688. | Anton Vyacheslavovich KRASOVSKY<br>(Антон Вячеславович КРАСОВСКИЙ)<br>(magħruf ukoll bħala Anton Vyacheslavovich KUZNETSOV-KRASOVSKY)<br>(Антон Вячеславович КУЗНЕЦОВ-КРАСОВСКИЙ) | Data tat-twelid: 18.7.1975<br>Post tat-twelid: Podolsk, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Attivist, ġurnalist, propagandist, eks ospitant tad-dibattitu televiżiv ”The Antonyms” fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-Istat<br>Sess: raġel | IAnton Krasovsky huwa ġurnalist, eks ospitant tad-dibattitu televiżiv ”The Antonyms” fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-Istat. Xerred propaganda kontra l-Ukrajna, inkluż diskors ta' mibegħda. Sejjaħ lill-Ukrajna art Russa u maqdar lill-Ukreni bħala nazzjon. Barra minn hekk hedded lill-Ukrajna b'invażjoni Russa jekk l-Ukrajna tieħu aktar passi biex tingħaqad man-NATO. Issuġġerixxa li din l-azzjoni twassal għat-”teħid” tal-kostituzzjoni tal-Ukrajna u li ”tinħaraq fuq Khreshchatyk”. Barra minn hekk issuġġerixxa li l-Ukrajna għandha tingħaqad mar-Russja.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 28.2.2022 |
| 692. | Rustam Usmanovich MURADOV<br>(Рустам Усманович МУРАДОВ) | Data tat-twelid: 21.3.1973<br>Post tat-twelid: Dagestan, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Kurunell Ġeneral, Kmandant tal-Eastern Military District, eks Viċi Kmandant tas-Southern Military District<br>Sess: raġel | Rustam Muradov ilu mis-7 ta' Ottubru 2022 Kurunell Ġeneral u Kmandant tad-Distrett Militari tal-Lvant. Qabel kien il-viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. F'Lulju 2022 inħatar kmandant tal-grupp tal-forzi tar-Russja ”Vostok” li jopera fl-Ukrajna.<br>Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba f'hekk ġiet iffurmata t-Tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021 il-forzi militari Russi taw bidu għal żieda bla preċedent fil-preżenza militari fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun Ukren okkupat tal-Krimea. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni Russa ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni li jdawru ċċirkondaw lill-Ukrajna u bagħtu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljuni ġewwa l-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-”repubbliki” separatisti. Wara d-deċiżjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”, is-suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta' Frar 2022 ir-Russja tat bidu għall-invażjoni militari tal-Ukrajna fuq skala kbira.<br>Għalhekk Rustam Muradov huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 694. | Gennady Nikolayevich TIMCHENKO<br>(Геннадий Николаевич ТИМЧЕНКО) | Data tat-twelid: 9.11.1952<br>Post tat-twelid: Leninakan, USSR (issa: Gyumri, Armenia)<br>Nazzjonalità: Armena, Russa, Finlandiża<br>Funzjoni: Sid il-grupp ta' investiment privat Volga Group<br>Sess: raġel | Gennady Timchenko ilu ħafna żmien jaf lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u huwa deskritt b'mod ġenerali bħala wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu.<br>Qed jibbenefika mir-rabtiet tiegħu ma' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa fundatur u azzjonist ta' Volga Group, grupp ta' investiment b'portafoll ta' investimenti f'setturi ewlenin tal-ekonomija Russa. Volga Group jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tagħha.<br>Huwa wkoll azzjonist ta' Bank Rossiya, li jitqies bħala l-bank ta' Putin u ta' dawk assoċjati miegħu. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, Bank Rossiya fetaħ fergħat kullimkien fil-Krimea u f'Sevastopol, u b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa.<br>Barra minn hekk, Bank Rossiya għandu interessi f'National Media Group, impriża tal-media li tikkontrolla 28 intrapriża tal-media fir-Russja li b'mod attiv qed ixerrdu l-propaganda u d-diżinformazzjoni relatati mal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li qed jopera fir-Russja u li huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Huwa responsabbli wkoll għall-fatt li appoġġa finanzjarjament jew materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnhom. | 28.2.2022 |
| 695. | Alexey Alexandrovits MORDASHOV<br>(Алексей Александрович МОРДАШОВ) | Data tat-twelid: 26.9.1965<br>Post tat-twelid: Cherepovets, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: President ta' Severstal u Severgroup<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Assoċjati: Yuriy Kovalchuk; Nikolay Shamalov | Alexey Mordashov huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-Gvern Russu. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Alexey Mordashov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profitt". Alexey Mordashov huwa l-President tal-kumpanija Severgroup, kumpanija ta' investiment personali li s-sussidjarja tagħha, Severstal, topera fis-settur tal-azzar u l-estrazzjoni u tforni prodotti speċjali tal-azzar lill-industrija militari, inkluż azzar rinforzat. | 28.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Alexey Mordashov qed jappoġġa u jimplimenta wkoll azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Fl-aħħar nett huwa responsabbli wkoll għall-fatt li appoġġa finanzjarjament u materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnu. | |
| 699. | Oleg Leonidovich VOINOV<br>(bir-Russu: Олег Леонидович ВОИНОВ);<br>(bil-Belarussu: Алег Леанідавіч ВОІНАЎ) | Data tat-twelid: 26.3.1967<br>Post tat-twelid: Dnipropetrovsk, USSR, (issa Dnipro, Ukraine)<br>Funzjoni: Direttur tan-National Historical Archives of Belarus<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Oleg Voinov ilu minn Mejju 2022 id-Direttur tal-Arkivji Storiċi Nazzjonali tal-Belarussja. Qabel kellu l-kariga ta' Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja u ta' Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali.<br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna billi tħalli lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja għal ġol-Ukrajna, tiffaċilita t-trasport ta' persunal militari u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari Russi fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tħalli l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fl-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti tar-rifornimment fil-Belarussja għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi u tagħmir militari Russi fil-Belarussja.<br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Oleg Voinov qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 706. | Alexander Ivanovich BAS<br><br>(bir-Russu: Александр Иванович БАС;<br><br>bil-Belarussu: Аляксандр Іванавіч БАС) | Data tat-twelid: 17.8.1971<br><br>Post tat-twelid: Khotomel, USSR (issa Belarus)<br><br>Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap tal-Main Directorate of Combat Training of the Armed Forces<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Sess: raġel | Alexander Bas ġie promoss għall-grad ta' Maġġur Ġeneral u minn Jannar 2023 għandu l-pożizzjoni ta' Kap tad-Direttorat Ewlieni tat-Taħriġ għall-Ġlied tal-Forzi Armati. Qabel Alexander Bas kien il-Viċi Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja.<br><br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna billi tħalli lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja għal ġol-Ukrajna, tiffaċilita t-trasport ta' persunal militari u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari Russi fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tħalli l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fl-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti tar-riforniment fil-Belarussja għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi u tagħmir militari Russi fil-Belarussja.<br><br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Alexander Bas qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 711. | Vadim Evgenievich SHADURA<br><br>(bir-Russu: Вадим Евгеньевич ШАДУРА) | Funzjoni: Kap tal-Persunal – l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi tan-North-Western Operational Command of Belarus, Maġġur Ġeneral<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Sess: raġel | Vadim Shadura għandu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Persunal – l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Belarussja u ġie promoss għal Maġġur Ġeneral.<br><br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna billi tħalli lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja għal ġol-Ukrajna, tiffaċilita t-trasport ta' persunal militari u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari Russi fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tħalli l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fl-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti tar-riforniment fil-Belarussja għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi u tagħmir militari Russi fil-Belarussja.<br><br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vadim Shadura qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 714. | Vyacheslav Aleksandrovich LENKEVICH<br><br>(bir-Russu: Вячеслав Александрович ЛЕНКЕВИЧ) | Funzjoni: Kap tal-Fuel and Lubricants Administration Department tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja, Kurunell<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Sess: raġel | F'Settembru 2022 Vyacheslav Lenkevich ġie promoss għal Kap tad-Dipartiment għall-Amministrazzjoni tal-Fjuwil u l-Lubrikanti tal-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja. Qabel kellu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant Responsabbli għal-Loġistika u ta' Kap tal-Loġistika tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Belarussja.<br><br>Il-Belarussja qed tipparteċipa fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna billi tħalli lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja għal ġol-Ukrajna, tiffaċilita t-trasport ta' persunal militari u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari Russi fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tħalli l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fl-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti tar-riforniment fil-Belarussja għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi u tagħmir militari Russi fil-Belarussja.<br><br>Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vyacheslav Lenkevich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. | 2.3.2022 |
| 720. | Alexander Semenovich VINOKUROV<br><br>(Александр Семёнович ВИНОКУРОВ) | Data tat-twelid: 12.10.1982<br><br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Funzjoni: Negozjant, Sieħeb Maniġerjali u President ta' Maraton Group; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Magnit<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Alexander Vinokurov huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali fil-bejgħ bl-imnut tal-ikel, prodotti farmaċewtiċi, agrikultura u infrastruttura. Jinsab f'pożizzjonijiet ta' tmexxija f'Maraton Group, kumpanija ta' investiment, u f'Magnit, l-akbar bejjiegħ bl-imnut Russu tal-ikel. Għandu wkoll ishma f'Demetra Holding, wieħed mill-akbar negozjanti tal-ħbub fir-Russja li huwa attiv fl-esportazzjoni tal-ħbub, filwaqt li r-Russja hija l-akbar esportatur tal-qamħ fid-dinja. Miżżewweġ lil Ekaterina Sergeevna Vinokurova, bint Sergey Lavrov, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa. Missieru huwa Semen Vinokurov, li kien il-kap tal-Intrapriża Unitarja tal-Istat "Capital Pharmacies" u li jitqies bħala wieħed mill-imprendituri ewlenin fl-industrija farmaċewtika Russa. Għalhekk Alexander Vinokurov għandu rabtiet mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lil dak il-gvern, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Alexander Vinokurov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f’setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta’ dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Dan il-fatt huwa kkorroborat ukoll mir-rabtiet personali mill-qrib li Alexander Vinukorov għandu mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Sergey Lavrov, li huwa responsabbli għall-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għall-politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta’ dak l-Istat. | |
| 721. | Andrey Igorevich MELNICHENKO<br>(Андрей Игоревич МЕЛЬНИЧЕНКО) | Data tat-twelid: 8.3.1972<br>Post tat-twelid: Gomel, USSR (issa Belarus)<br>Funzjoni: Direttur Mhux Eżekuttiv ta’ JSC SUEK, Membru tal-Bord ta’ EuroChem Group<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Andrey Melnichenko huwa industrijalist Russu li għadu jikkontrolla l-produttur ewlieni tal-fertilizzanti EuroChem Group u l-kumpanija tal-faħam SUEK. Mid-9 ta’ Marzu 2022, Melnichenko trasferixxa l-interessi tiegħu f’SUEK u f’Eurochem Group lill-konjuġi tiegħu Aleksandra Melnichenko. Għadu jibbenefika mill-ġid li trasferixxa lil martu.<br>Andrey Melnichenko jagħmel parti miċ-ċirku l-aktar influwenti ta’ negozjanti Russi b’rabtiet mill-qrib mal-Gvern Russu. Fl-24 ta’ Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna, Andrey Melnichenko, flimkien ma’ 36 negozjant ieħor, iltaqa’ mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma’ membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta’ azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent, u b’hekk wera l-importanza tiegħu bħala negozjant ewlieni fir-Russja. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta’ Industrijalisti u Imprendituri f’Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-”patrijottiżmu qabel il-profitt”.<br>Dawn l-elementi juru li huwa negozjant ewlieni involut f’setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta’ dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 722. | Dmitry Alexandrovich PUMPYANSKY<br><br>(magħruf ukoll bħala Dmitry A. PUMPIANSKY)<br><br>(Дмитрий Александрович ПУМПЯНСКИЙ) | Data tat-twelid: 22.3.1964<br><br>Post tat-twelid: Ulan-Ude, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Funzjoni: Viċi President, Membru tal-Bureau tal-Bord tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri, Kopresident tal-Kumitat tal-RSPP għall-Politika Industrijali u r-Regolamentazzjoni Teknika<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Dmitry Pumpyansky huwa negozjant ewlieni Russu li jopera fir-Russja. Huwa Viċi President, membru tal-Bureau tal-Bord tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri, Kopresident tal-Kumitat tal-RSPP għall-Politika Industrijali u r-Regolamentazzjoni Teknika. Huwa membru tal-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (CCI) tal-Federazzjoni Russa u President tal-Unjoni reġjonali ta' Sverdlovsk ta' Industrijalisti u Imprendituri (SOSPP).<br><br>Kellu pożizzjonijiet għolja f'intrapriżi metallurġiċi Russi kbar. Huwa l-eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' TMK PAO u eks President u membru tal-Bord ta' Group Sinara. F'dawk il-kapaċitajiet appoġġa lill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u lil intrapriżi tal-Istat, fosthom Russian Railways, Gazprom u Rosneft, u bbenefika minn kooperazzjoni magħhom. Għalhekk huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Dmitry Pumpyansky, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.<br><br>Barra minn hekk ingħata l-Ordni tal-Mertu għall-Patrija, grad IV, l-Ordni tal-Unur. Kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profitt". Dawk l-elementi juru li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 723. | Dmitry Arkadievich MAZEPIN<br>(Дмитрий Аркадьевич МАЗЕПИН) | Data tat-twelid: 18.4.1968<br>Post tat-twelid: Minsk, USSR (issa Belarus)<br>Funzjoni: Eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' JSC UCC Uralchem<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Dmitry Mazepin huwa sid ewlieni u eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-kumpanija tal-fertilizzanti minerali Uralchem. Uralchem Group huwa manifattur Russu ta' firxa wiesgħa ta' prodotti kimiċi, fosthom fertilizzanti minerali u nitrat tal-ammonju. Skont il-kumpanija, hija l-akbar produttur ta' nitrat tal-ammonju kif ukoll it-tieni-l-akbar produttur ta' ammonijaka u ta' fertilizzanti nitroġenużi fir-Russja. Għalhekk Dmitry Mazepin huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Dmitry Mazepin, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profitt".<br>F'Diċembru 2021, Dmitry Mazepin irreġistra mill-ġdid il-kumpaniji tiegħu bbażati f'Ċipru Uralchem Holding u CI-Chemical Invest, li jikkontrollaw lil "Uralchem", sabiex jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni Russa fid-distrett amministrattiv speċjali tal-Gżira ta' Oktyabrsky fir-Reġjun ta' Kaliningrad. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| (*) | (*) | (*) | (*) | (*) |
| 728. | Vadim Nikolaevich MOSHKOVICH<br>(Вадим Николаевич МОШКОВИЧ) | Data tat-twelid: 6.4.1967<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' Rusagro Group<br>Nazzjonalità: Russa, Ċiprijotta<br>Sess: raġel | Vadim Moshkovichhuwa imprenditur Russu b'interessi kummerċjali fl-agrikoltura u fl-iżvilupp tal-proprjetà immobbli. Fl-2004 Vadim Moshkovich waqqaf Rusagro Group, li huwa produttur ewlieni tal-laħam tal-majjal, xaħmijiet u zokkor, ikklassifikat l-ewwel fost l-azjendi agrikoli fir-Russja fl-2021. Għalhekk Vadim Moshkovic huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Vadim Moshkovich, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib tal- President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. | 9.3.2022 |

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 730. | Andrey Andreevich GURYEV<br>(Андрей Андреевич ГУРЬЕВ) | Data tat-twelid: 7.3.1982<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv u President tal-Bord tat-Tmexxija ta' PJSC PhosAgro; ilu mill-2004 jaħdem ma' PhosAgro f'diversi pożizzjonijiet; mit-30 ta' Settembru 2019 Membru tal-Bureau tal-Bord tat-Tmexxija tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri (RSPP)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Andrey Guryev huwa eks Membru tal-Bord u eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' PJSC PhosAgro. Huwa azzjonist ta' PJSC PhosAgro u huwa l-President tal-Assoċjazzjoni Russa tal-Produtturi ta' Fertilizzanti (RAPU). Barra minn hekk huwa Membru tal-Bureau tal-Bord tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri. Ir-Russja hija l-akbar esportatur ta' fertilizzanti fid-dinja u PhosAgro hija waħda mill-produtturi ewlenin ta' fertilizzanti fosfatiċi. Il-kumpanija hija l-akbar produttur ta' fertilizzanti fosfatiċi fl-Ewropa, l-akbar produttur ta' blat fosfatiku ta' grad għoli fid-dinja u (eskluża ċ-Ċina), it-tieni l-akbar produttur ta' Fosfat tal-monoammonju (MAP) u ta' Fosfat tad-diammonju (DAP) fid-dinja.<br>Għalhekk Andrey Guryev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Barra minn hekk, huwa responsabbli għall-fatt li jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 731. | Dmitry Vladimirovich KONOV<br>(Дмитрий Владимирович КОНОВ) | Data tat-twelid: 2.9.1970<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: eks President tal-Bord ta' PJSC SIBUR Holding; Membru tal-Bord Superviżorju u tal-Kumitat għall-Ippjanar Strateġiku ta' Alrosa PAO; Membru tal-Unjoni Russa tal-Intrapriżi u tal-Organizzazzjoni tal-Kumpless tal-Kimika (Ruschemunion);<br>serva fid-Dipartiment tat-Teżor ta' OAO NK YUKOS; kellu diversi pożizzjonijiet f'AKB Trust and Investment Bank, inkluż Viċi President – Kap tad-Dipartiment tal-Banek tal-Investiment u Direttur Maniġerjali tad-Dipartiment tal-Finanzi Korporattivi; eks membru tal-Bord tad-Diretturi ta' OAO Gazprom neftekhim Salavat u ta' OAO Gazprombank<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Dmitriy Konov huwa l-eks President tal-Bord tat-Tmexxija ta' PJSC SIBUR Holding, u f'dik il-kapaċità ssorvelja l-attivitajiet tal-kumpanija. SIBUR Holding hija l-akbar kumpanija integrata tal-petrokimiċi fir-Russja u waħda mill-aktar kumpaniji li qed jikbru malajr fl-industrija globali tal-petrokimiċi. SIBUR huwa grupp ewlieni tal-petrokimiċi fis-swieq emerġenti u l-akbar produttur ta' petrokimiċi fis-suq Russu. L-ishma maġġoritarji f'SIBUR huma proprjetà ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin: Leonid Mikhelson u Gennady Timchenko.<br>SIBUR Holding hija marbuta mill-qrib mal-Gvern Russu u għalhekk id-dħul li tiġġenera huwa sors importanti ta' dħul għall-Gvern Russu.<br>Dmitriy Konov għandu rabtiet mal-industrija tal-kimika permezz tas-sħubija tiegħu fl-Unjoni Russa tal-Intrapriżi u tal-Organizzazzjonijiet tal-Kumpless tal-Kimika (Ruschemunion), organizzazzjoni li tikkollabora mal-awtoritajiet Russi biex tiddefendi l-interessi tal-industrija tal-kimika Russa u tagħmilha aktar effiċjenti u produttiva. L-industrija tal-kimika Russa hija ddominata minn ftit persuni kkonċernati b'rabtiet mill-qrib mal-Kremlin.<br>Dmitriy Konov huwa membru tal-Bord Superviżorju u tal-Kumitat għall-Ippjanar Strateġiku ta' Alrosa. Alrosa hija kumpanija tal-Istat li topera fl-industrija tad-djamanti u l-profitti tagħha jgħaddu direttament f'idejn il-Kremlin. Permezz tar-rwoli tiegħu f'Alrosa, Dmitriy Konov jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' attivitajiet tal-Gvern Russu, fost affarijiet oħra relatati mad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Fl-24 ta' Frar 2022 attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li kien membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin.<br>Dmitriy Konov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 732. | Nikita Dmitrievich MAZEPIN<br>(Никита Дмитриевич МАЗЕПИН) | Data tat-twelid: 2.3.1999<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Eks sewwieq tat-tlielaq Russu ma' Haas F1 Team fil-Kampjonat Dinji tal-Formula One tal-2022 taħt bandiera newtrali li tirrappreżenta lir-Russian Automobile Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Nikita Mazepin huwa iben Dmitry Mazepin, sid u eks Direttur Ġenerali ta' JSC UCC Uralchem. Sa Marzu 2022 kien sewwieq f'Haas F1 Team sponsorjat minn Dmitry Mazepin permezz tas-sussidjarja ta' Uralchem, Uralkali. Il-fondazzjoni tiegħu "We compete as one" hija mistennija tiġi ffinanzjata b'fondi minn Uralkali. Huwa assoċjat ukoll ma' missieru permezz ta' interessi kummerċjali konġunti fil-kumpanija Hitech GP, li kienet parzjalment proprjetà ta' Dmitry Mazepin permezz ta' Uralkali u li l-għan tagħha huwa li tkun ta' benefiċċju għall-karriera ta' Nikita Mazepin bħala sewwieq fit-tlielaq tal-karozzi, u li issa hija proprjetà ta' soċju taż-żewġt irġiel fin-negozju.<br>Huwa membru tal-familja immedjata li jibbenefika minn, u huwa assoċjat ma', missieru, Dmitry Mazepin, negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 9.3.2022 |
| 806. | Igor Nikolayevich MOROZOV<br>(Игорь Николаевич МОРОЗОВ) | Data tat-twelid: 13.10.1956<br>Sess: raġel | Eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'Trattati ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" '. | 9.3.2022 |
| 823. | Alexander Yuryevich PRONYUSHKIN<br>(Александр Юрьевич ПРОНЮШКИН) | Data tat-twelid: 31.7.1987<br>Sess: raġel | Eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'Trattati ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" '. | 9.3.2022 |
| 852. | Oleg Polikarpovich TKACH<br>(Олег Поликарпович ТКАЧ) | Data tat-twelid: 23.9.1967<br>Sess: raġel | Eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-'Trattati ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u bejn il-Federazzjoni Russa u r-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" '. | 9.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 879. | Roman Arkadyevich ABRAMOVICH<br>(Роман Аркадьевич АБРАМОВИЧ) | Data tat-twelid: 24.10.1966<br>Post tat-twelid: Saratov, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Negozjant ewlieni qrib Vladimir Putin; azzjonist ewlieni ta' Evraz; eks Gvernatur ta' Chukotka<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Indirizz: 1 Lipovaya Aleya, Nemchinovo, Odinsovo district, Moscow, Russian Federation<br>Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin | Roman Abramovich huwa negozjant ewlieni Russu li għandu rabtiet fit-tul u mill-qrib ma l-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Kellu aċċess privileġġat għall-President u żamm relazzjonijiet tajbin ħafna miegħu. Din ir-rabta mal-mexxej Russu għenitu jżomm il-ġid konsiderevoli tiegħu. Huwa azzjonist ewlieni tal-grupp tal-azzar Evraz, li huwa wieħed mill-akbar kontribwenti fir-Russja.<br>Għalhekk kien u għadu qed jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll negozjant Russu ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 880. | German Borisovich KHAN<br>(bir-Russu: Герман Борисович ХАН) | Data tat-twelid: 24.10.1961<br>Post tat-twelid: Kyiv, USSR (issa Ukraine)<br>Funzjoni: Negozjant ewlieni qrib Vladimir Putin. Wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati: Vladimir Putin, Mikhail Fridman, Petr Aven, Alexey Kuzmichev<br>Entitajiet assoċjati: Alfa Group, Alfa Bank | German Khan huwa negozjant Russu li jżomm relazzjoni mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, simili għal sħabu fin-negozju Mikhail Fridman u Petr Aven. Għal bosta snin kien wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' ABH Financial Limited, li tinkludi bank ewlieni Russu, Alfa Bank. Kien ukoll azzjonist tad-ditta tal-investiment LetterOne. Fl-2022, fid-dawl tas-sanzjonijiet tal-Punent kontrih, trasferixxa s-sjieda tal-ishma tiegħu f'ABH Financial Limited u f'LetterOne lil sieħbu fin-negozju għal żmien twil Andrei Kosogov. Kompla jimmaniġġa l-assi bbażati fir-Russja ta' dawn il-kumpaniji. Huwa maħsub li huwa wieħed mill-aktar persuni influwenti fir-Russja. Skambja xi pjaċiri mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex ikollu appoġġ politiku għan-negozju tiegħu u għal qligħ finanzjarju. Il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group Consortium lejn l-awtoritajiet Russi billi ta għajnuna politika lill-pjanijiet ta' investiment barrani ta' Alfa Group Consortium. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profitt".<br>Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra tal-konsorzju Alfa Group, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' forniment tal-ikel u ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ t-shirts bis-simbolu militari "Z" li jintuża mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk b'mod attiv kien u għadu qed jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom. Huwa wkoll negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 881. | Viktor Filippovich RASHNIKOV<br>(bir-Russu: Виктор Филиппович РАШНИКОВ) | Data tat-twelid: 13.10.1948<br>Post tat-twelid: Magnitorsk, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Negozjant ewlieni. Sid, President tal-Bord tad-Diretturi u President tal-Kumitat għall-Ippjanar Strateġiku ta' Magnitogorsk Iron & Steel Works (MMK).<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Magnitogorsk Iron & Steel Works (MMK) | Viktor Rashnikov huwa negozjant Russu li huwa s-sid u l-President tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija Magnitogorsk Iron & Steel Works (MMK). MMK hija waħda mill-akbar kontribwenti fir-Russja. Dan l-aħħar żdied il-piż tat-taxxa fuq il-kumpanija, li rriżulta fi dħul konsiderevolment ogħla għall-baġit tal-Istat Russu. Viktor Rashnikov jirċievi wkoll appoġġ mill-Gvern Russu u minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet. Barra minn hekk kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kungress tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profitt".<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnu. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 882. | Alexey Viktorovich KUZMICHEV<br><br>magħruf ukoll bħala Alexey Viktorovich KUZMICHOV<br><br>(bir-Russu: Алексей Викторович КУЗЬМИЧЁВ) | Funzjoni: Negozjant ewlieni qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group.<br><br>Data tat-twelid: 15.10.1962<br><br>Post tat-twelid: Kirov, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Individwi assoċjati: il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Mikhail Fridman, Petr Aven, German Khan<br><br>Entitajiet assoċjati: Alfa Group, Alfa Bank | Alexey Kuzmichev huwa azzjonist ewlieni tal-konsorzju Alfa Group, li jinkludi Alfa Bank, wieħed mill-akbar kontribwenti tat-taxxa fir-Russja. Huwa maħsub li huwa wieħed mill-aktar persuni influwenti fir-Russja. Għandu rabtiet stabbiliti sew mal-President Russu. Il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group Consortium lejn l-awtoritajiet Russi billi ta għajnuna politika lill-pjanijiet ta' investiment barrani ta' Alfa Group Consortium.<br><br>Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, sussidjarja ta' Alfa Group Consortium, tipprovdi assigurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Barra minn hekk, X5 Retail Group, sussidjarja oħra tal-konsorzju Alfa Group, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' forniment tal-ikel u ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ t-shirts bis-simbolu militari "Z" li jintuża mill-propagandisti Russi biex jippromwovu l-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk b'mod attiv kien u għadu qed jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom. Huwa wkoll negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 884. | Alexander Nikolayevich SHOKHIN<br>(bir-Russu: Александр Николаевич ШОХИН) | Data tat-twelid: 25.12.1951<br>Post tat-twelid: Savinskoye, Kirillovsky District, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: President tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri Eks Viċi President tal-Bord tad-Diretturi ta' Mechel PAO Membru tal-Bureau tal-Kunsill Suprem tal-partit politiku "United Russia"<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Alexander Shokhin huwa l-President tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri (RSPP) – grupp ta' lobbjar li jippromwovi l-interessi tan-negozju fir-Russja. Jippresiedi wkoll il-Kunsill ta' Koordinazzjoni dwar is-Sostituzzjoni tal-Importazzjoni u l-Indipendenza Teknoloġika tal-RSPP. Huwa eks Viċi President tal-Bord tad-Diretturi ta' Mechel PAO – waħda mill-kumpaniji Russi ewlenin tal-estrazzjoni u l-metalli li tiġġenera sors ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Wara l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja, Shokhin esprima pubblikament il-ħtieġa li jiġi dirett aktar investiment Russu lejn il-Krimea sabiex jingħeleb imblokk ekonomiku possibbli mill-Punent. Fl-24 ta' Frar 2022 Shokhin attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.<br>Dan juri wkoll li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 886. | Armen Sumbatovich GASPARYAN (bir-Russu: Армен Сумбатович ГАСПАРЯН) | Data tat-twelid: 4.7.1975<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Pubbliċista, propagandista, membru tal-Bord ta' "Russia Today", membru tal-Kamra Ċivika<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Armen Gasparyan imexxi l-programm tiegħu stess "Nablyudenye" għall-istrument tal-media Russu Sputnik, kif ukoll programm tar-radju fuq "Vesti FM". Jippubblika wkoll kotba u kotba awdjo u jaġixxi bħala espert fil-programm tar-radju "Polnyi kontakt" ("Kuntatt sħiħ") ta' Vladimir Solovyov, propagandist ieħor. Fis-6 ta' April 2023 ġie nnominat membru tal-Kamra Ċivika tal-Federazzjoni Russa.<br>Gasparian xerred b'mod konsistenti narrattivi allinjati mal-propaganda tal-Kremlin. Uża fallaċji tal-loġika biex jispjega l-affarijiet internazzjonali, ċaħad is-sovranità tal-Ukrajna fuq il-Krimea u ddefenda l-azzjonijiet tar-Russja fl-Istrett ta' Kerch meta ħatfet bastiment Ukren.<br>Għadu jippubblika propaganda favur ir-Russja relatata mal-invażjoni Russa tal-Ukrajna u b'mod attiv jiċħad is-sovranità tal-Ukrajna.<br>Għalhekk b'mod attiv qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 15.3.2022 |
| 891. | Suleyman Abusaidovich KERIMOV<br>(bir-Russu: Сулейман Абусаидович КЕРИМОВ) | Data tat-twelid: 12.3.1966<br>Post tat-twelid: Derbent, Dagestan, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari. Eks sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow;<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Suleyman Kerimov huwa negozjant Russu ewlieni u membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari. Huwa l-eks sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow. Huwa stmat li l-valur nett ta' Kerimov u tal-familja tiegħu huwa ta' USD 9,8 biljun. Irċieva ammonti kbar ta' flus mingħand Sergei Roldugin, li huwa l-gwardjan tal-ġid tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin.<br>Fl-24 ta' Frar 2022 Kerimov attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 892. | Tigran Oganesovich KHUDAVERDYAN<br>(Тигран Оганесович ХУДАВЕРДЯН) | Data tat-twelid: 28.12.1981<br>Post tat-twelid: Yerevan, USSR (issa Armenia)<br>Funzjoni: Eks Direttur Eżekuttiv u eks Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex NV<br>Nazzjonalità: Armena<br>Sess: raġel | Tigran Khudaverdyan huwa eks Direttur Eżekuttiv u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex N. V. wara li rriżenja minn dawk il-pożizzjonijiet meta ġie ddeżinjat mill-Unjoni Ewropea. Għadu fost l-ogħla maniġers ta' Yandex fejn ifassal l-attivitajiet tal-kumpanija.<br>Yandex hija l-akbar ditta tat-teknoloġija fir-Russja. Tiġġenera dħul konsiderevoli mit-taxxa għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-2019 Yandex aċċettat ristrutturar li ta "sehem tad-deheb" lil Fondazzjoni għall-Interess Pubbliku li kien għadha kemm ġiet iffurmata bl-għan li "tiddefendi l-interessi tal-Federazzjoni Russa". Permezz tal-Fondazzjoni għall-Interess Pubbliku l-Gvern tal-Federazzjoni Russa jista' jkollu veto fuq lista definita ta' kwistjonijiet.<br>Minn meta bdiet il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Yandex segwiet il-politika ta' informazzjoni u ċ-ċensura tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Ir-riżultati tal-magna tat-tiftix Yandex ikkonformaw mat-talbiet tal-awtoritajiet Russi u juru biss is-sorsi relatati mal-propaganda Russa favur il-gwerra. Barra minn hekk Yandex għenet lil siti web li jippromwovu dikjarazzjonijiet foloz u favur ir-Russja dwar l-invażjoni tal-Ukrajna biex jiġġeneraw profitt permezz tar-reklamar diġitali.<br>Fl-24 ta' Frar 2022 Khudaverdyan attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin arki qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.<br>Huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u appoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 893. | Vladimir Valerievich RASHEVSKY / Vladimir Valeryevich RASHEVSKIY<br>(bir-Russu: Владимир Валерьевич РАШЕВСКИЙ) | Data tat-twelid: 29.9.1973<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur ta' EuroChem Group AG<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Vladimir Rashevsky huwa l l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur ta' EuroChem Group AG wara li rriżenja formalment minn dik il-pożizzjoni meta ġie elenkat taħt miżuri restrittivi mill-Unjoni, filwaqt li jkompli jeżerċita influwenza permezz ta' kumpaniji fittizji. EuroChem huwa wieħed mill-akbar produtturi ta' fertilizzanti minerali fid-dinja. Qabel (bejn l-2004 u l-2020) kien l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' kumpanija tal-faħam JSC SUEK. Dawn huma kumpaniji Russi kbar – il-koproprjetà ta' Aleksandra Melnichenko, mart il-biljunarju Russu Andrei Melnichenko – li jiġġeneraw u jipprovdu dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet Russi, inkluż il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Il-kumpaniji ta' EuroChem Group fornew nitrat tal-ammonju liż-żoni okkupati ta' Donbas. SUEK iffirmat kuntratti ma' sanatorji fil-Krimea għal programmi tas-saħħa tal-impjegati.<br>Għalhekk qed jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, jew qed jibbenefika minnu.<br>Fl-24 ta' Frar 2022 Rashevsky attenda laqgħa tan-negozjanti ewlenin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-Kremlin biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti ewlenin qrib il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u li qed jappoġġa u li qed jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 15.3.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 896. | Viatcheslav Moshe KANTOR<br>(Вячеслав Моше КАНТОР)<br>(magħruf ukoll bħala Viatcheslav Vladimirovich KANTOR)<br>(magħruf ukoll bħala Вячеслав Владимирович КАНТОР) | Data tat-twelid: 8.9.1953<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Azzjonist kbir ta' Acron Group, grupp ikkwotat u wieħed mill-akbar produtturi ta' fertilizzanti fir-Russja<br>Nazzjonalità: Russa, Iżraeljana u Brittanika<br>Sess: raġel | Viatcheslav Moshe Kantor huwa negozjant ewlieni Russu li huwa sid benefiċjarju ta' Acron Group, grupp ikkwotat u wieħed mill-akbar produtturi ta' fertilizzanti fir-Russja. Għandu rabtiet mill-qrib mal- President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Din ir-rabta mal-President Russu għenitu jżomm il-ġid konsiderevoli tiegħu. F'diversi okkażjonijiet iddikjara b'mod miftuħ l-appoġġ tiegħu għall-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u l-ħbiberija tagħhom, u jgawdi relazzjonijiet tajbin mal-Kremlin.<br>Għalhekk kien u għadu qed jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 903. | Elena Petrovna TIMCHENKO (imwielda ERMAKOVA (YERMAKOVA))<br>(Елена Петровна ТИМЧЕНКО (ЕРМАКОВА)) | Funzjoni: Kopresident tal-Fondazzjoni Timchenko<br>Nazzjonalità: Russa, Finlandiża<br>Individwu assoċjat: Gennady Timchenko (żewġha)<br>Sess: mara | Elena Timchenko hija mart Gennady Timchenko, li ilu żmien twil jaf lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u huwa wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu.<br>Flimkien ma' żewġha twettaq attivitajiet kummerċjali permezz tal-kumpanija immobiljari Sci Ruth u l-kumpanija Maples S.A., u akkwistat proprjetà immobbli flimkien ma' żewġha, li juri rabtiet importanti ta' proprjetà bejniethom.<br>Barra minn hekk tipparteċipa fl-affarijiet pubbliċi ta' żewġha permezz tal-Fondazzjoni Neva u l-Fondazzjoni Timchenko, li waqqfet flimkien ma' żewġha u li fihom għandha rwol importanti, u hija assoċjata mill-qrib ma' żewġha. Barra minn hekk, il-Fondazzjoni Timchenko twettaq uħud mill-attivitajiet tagħha b'rabta mal-grupp ta' investiment Volga Group, li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija tar-Russja u l-iżvilupp tagħha u twaqqaf minn Gennady Timchenko, li huwa wieħed mill-azzjonisti tiegħu. Għalhekk Elena Timchenko tibbenefika minn żewġha, b'mod partikolari mil-lat ta' pożizzjoni soċjali u dak finanzjarju. Għalhekk hija assoċjata ma' Gennady Timchenko, elenkat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, fost affarijiet oħra minħabba li huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u li appoġġa finanzjarjament u materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefika minnhom. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 908. | Kirill Nikolayevich SHAMALOV<br>(Кирилл Николаевич ШАМАЛОВ) | Data tat-twelid: 22.3.1982<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br>Funzjoni: Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Kirill Shamalov huwa Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija u responsabbli għall-iżvilupp sostenibbli fi ħdan il-Kumitat tat-Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC, l-akbar kumpanija integrata tal-petrokimiċi fir-Russja. Baqa' azzjonist ta' Sibur Holding u żamm pożizzjoni maniġerjali fil-kumpanija. Barra minn hekk qed jibbenefika mir-rabtiet personali tiegħu mal-Kremlin u kellu pożizzjonijiet għolja f'ħafna kumpaniji Russi kbar.<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 909. | Igor Albertovich KESAEV<br>(Игорь Альбертович КЕСАЕВ) | Data tat-twelid: 30.10.1966<br>Post tat-twelid: Vladikavkaz, North Ossetia, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Sid u President ta' Mercury Group<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Igor Kesaev huwa azzjonist u eks President ta' Mercury Group, li kien assoċjat ma' Megapolis Group, id-distributur ewlieni tat-tabakk fir-Russja. Għandu rabtiet mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-forzi tas-sigurtà tiegħu permezz ta' Monolit Fund, immexxi minn eks uffiċjali tas-servizzi ta' sigurtà Russi, li jipprovdi assistenza finanzjarja lill-uffiċjali tas-servizz ta' sigurtà u lill-persunal militari rtirati.<br>Huwa azzjonist ewlieni f'Mercury Group u f'Megapolis Group, kif ukoll fil-kumpaniji "Turbokholod" u LLC "Consensus-R", li jikkontribwixxu għall-Monolit Fund. Barra minn hekk permezz tal-interess tiegħu fid-ditta tal-investiment OOO Globalvoyentreyding, kien u għadu l-azzjonist ewlieni ta' Degtyarev Plant, kumpanija Russa li tipproduċi armi li jintużaw mill-forzi armati Russi. Għandu ishma fil-ktajjen tal-alkoħol Red &White u Bristol u jasserixxi kontroll fuq International Tobacco Group LLC.<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u jibbenefika minnu. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 913. | Evgeny Borisovich ZUBITSKIY<br>(Евгений Борисович ЗУБИЦКИЙ) | Data tat-twelid: 10.3.1968<br>Post tat-twelid: Kemerovo, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Imprenditur, koproprjetarju u President tal-Bord u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Industrial Metallurgical Holding (PMH)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Evgeny Zubitskiy huwa l-koproprjetarju, il-President tal-Bord u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Industrial Metallurgical Holding (PMH). Huwa azzjonist ta' Koks Group, l-intrapriża omm ta' PMH u l-akbar produttur ta' kokk kummerċjabbli fir-Russja, imwaqqaf mid-deputat tad-Duma tal-Istat Boris Zubitsky.<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 8.4.2022 |
| 917. | Musa Yusupovich BAZHAEV<br>(Муса Юсупович БАЖАЕВ) | Data tat-twelid: 11.5.1966<br>Post tat-twelid: Achkoy Martan, Chechnya, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: negozjant Russu; President attwali ta' Moscow Alliance Group li għandu assi fin-negozji taż-żejt, tal-kostruzzjoni, tat-tessuti, tal-ikel, in-negozju finanzjarju u dak tal-media; eks President ta' Russian Platinum<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Musa Bazhaev huwa l-President ta' JSC Alliance Group li fost il-klijenti ewlenin tiegħu għandu l-akbar rappreżentanti tal-industriji tal-gass u ż-żejt, faċilitajiet industrijali, is-settur tat-telekomunikazzjoni u l-akkomodazzjoni u l-utilitajiet pubbliċi.<br>Huwa l-eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Platinum, identifikata bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-estrazzjoni tar-Russja li tipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-2021 VEB.RF, VTB Group u Russian Platinum iffirmaw memorandum ta' intenzjoni biex jiffinanzjaw id-depożitu ta' Chernogorsk ta' minerali tal-platinu, ram u nikil fir-Reġjun ta' Krasnoyarsk. Iċ-ċerimonja tal-iffirmar saret matul il-Forum Ekonomiku Internazzjonali ta' San Pietruburgu fil-preżenza tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Musa Bazhaev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja, jinsab fost l-aktar 200 Russu għonja, u huwa negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Barra minn hekk Musa Bazhaev huwa assoċjat ma' VEB.RF, istituzzjoni Russa għall-iżvilupp finanzjarju li b'mod attiv tappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, jew tibbenefika minnhom. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 919. | Serguey Achotovich MNDOIANTS<br>(Сергей Ашотович МНДОЯНЦ) | Data tat-twelid: 21.9.1961<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Negozjant Russu li jservi bħala Viċi President tal-konglomerat AFK Sistema; Fundatur tal-kumpanija ta' konsulenza VLM Invest<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Serguey Mndoiants huwa eks Viċi President Eżekuttiv inkarigat mir-relazzjonijiet governattivi għall-kumpanija konglomerat Russa AFK Sistema PAO, li hija attiva fis-settur tat-telekomunikazzjoni u l-IT. Serguey Mndoiants huwa wkoll eks Viċi President ta' kariga għolja u azzjonist ta' VLM Invest, kumpanija ta' konsulenza li taġixxi bħala intermedjarju bejn kumpaniji privati u l-korpi governattivi tal-Federazzjoni Russa. Għandu wkoll ishma f'First Independent Rating Agency (Fira) u f'Regional Public Foundation for the Development of Business Cooperation and Entrepreneurship. Serguey Mndoiants huwa wkoll membru tal-Bord tal-Kunsill għall-Politika Barranija u ta' Difiża (SVOP), grupp ta' riflessjoni li jagħti pariri lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar it-tmexxija tal-politika barranija u ta' difiża.<br>Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 921. | Igor Arkadyevich ROTENBERG<br>(Игорь Аркадьевич РОТЕНБЕРГ) | Data tat-twelid: 9.5.1973<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br>Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (missier), Boris Rotenberg (ziju)<br>Entitajiet assoċjati: SGM (Stroygazmontazh) group, Gazprom Drilling, NPV Engineering Group<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Igor Rotenberg huwa negozjant ewlieni Russu, l-ewwel iben u eredi ta' Arkady Rotenberg, negozjant prominenti Russu u eks koproprjetarju ta' SGM (Stroygazmontazh) group. Huwa l-eks sid ta' Gazprom Drilling u azzjonist fi Platon Electronic Toll Collection system. Ir-Rotenbergs huma assoċjati mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Minħabba l-pożizzjonijiet tiegħu fil-passat u fil-preżent f'intrapriżi Russi ewlenin li rċevew kuntratti tal-Istat kbar, kif ukoll ir-rabtiet tiegħu mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Igor Rotenberg għadu jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, it-tnejn responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk huwa persuna fiżika assoċjata ma' Arkady Rotenberg u mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, it-tnejn li huma elenkati taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 922. | Ekaterina IGNATOVA<br>(magħrufa wkoll bħala Jekatarina IGNATOVA)<br>(Екатерина ИГНАТОВА) | Data tat-twelid: 1968<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (żewġha)<br>Anastasia Ignatova (bintha)<br>Lyudmila Rukavishnikova (omm)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Ekaterina Ignatova hija mart Sergei Chemezov, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-korporazzjoni tal-Istat Rostec (State Corporation for the Promotion of the Development, Manufacture and Export of High Tech Products).. Bħala mart Sergei Chemezov, Ekaterina Ignatova għandha assi kbar assoċjati miegħu. Fl-aħħar dikjarazzjoni pubblika tal-assi ta' Sergei Chemezov fl-2019 ġie inkluż id-dħul annwali ta' USD 24 miljun ta' Ekaterina Ignatova.<br>Ekaterina Ignatova hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika minn żewġha Sergei Chemezov. | 8.4.2022 |
| 923. | Anastasia IGNATOVA<br>(Анастасия ИГНАТОВА) | Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (raġel tal-omm bi żwieġ ieħor)<br>Ekaterina Ignatova (omm)<br>Lyudmila Rukavishnikova (nanna)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Anastasia Ignatova hija bint il-mara ta' Sergei Chemezov, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-korporazzjoni tal-Istat Rostec (State Corporation for the Promotion of the Development, Manufacture and Export of High Tech Products).<br>Bħala bint il-mara ta' Sergei Chemezov għandha assi kbar assoċjati miegħu permezz ta' kumpaniji offshore. Anastasia Ignatova kienet formalment tippossiedi l-jott ta' 85 metru "Valerie" li jiswa USD 140 miljun (aktar minn RUB 10 biljun) permezz ta' kumpanija tal-Gżejjer Verġni Brittaniċi li jisimha Delima Services Limited. Barra minn hekk hija l-benefiċjarju ta' kumpaniji offshore b'mijiet ta' miljuni ta' dollari f'assi.<br>Anastasia Ignatova hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika mir-raġel ta' ommha Sergei Chemezov. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 924. | Lyudmila RUKAVISHNIKOVA | Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (iben tar-rispett)<br>Ekaterina Ignatova (bintha)<br>Anastasia Ignatova (bint l-ulied)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Lyudmila Rukavishnikova hija l-omm tar-rispett ta' Sergei Chemezov, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-korporazzjoni tal-Istat Rostec (State Corporation for the Promotion of the Development, Manufacture and Export of High Tech Products). Bħala l-omm tar-rispett ta' Sergei Chemezov għandha assi kbar assoċjati miegħu, inkluż ishma ta' kumpaniji li huma sidien ta' proprjetajiet li jintużaw minn Rostec.<br>Lyudmila Rukavishnikova hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika minn binha tar-rispett Sergei Chemezov. | 8.4.2022 |
| 926. | Said KERIMOV | Data tat-twelid: 6.7.1995<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: Eredi ta' Suleiman Kerimov, Membru tal-Kumitat tal-Istrateġija u l-Bord tad-Diretturi ta' Polyus<br>Individwu assoċjat: Suleiman Kerimov (missier)<br>Entità assoċjata: Polyus<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Said Kerimov huwa iben Suleiman Kerimov. Suleiman Kerimov huwa biljunarju bbażat fir-Russja, fundatur tal-Fondazzjoni Suleiman Kerimov u rappreżentant tar-Repubblika ta' Dagestan fil-Kunsill tal-Federazzjoni tar-Russja. Suleiman Kerimov trasferixxa parti kbira mill-assi tiegħu lil ibnu Said Kerimov, inkluż l-ishma tiegħu fl-akbar produttur Russu tad-deheb, Polyus Gold.<br>Said Kerimov huwa membru tal-familja immedjata li jibbenefika minn missieru Suleiman Kerimov.<br>Barra minn hekk Said Kerimov huwa sid ewlieni tal-ajruport ta' Makhachkala li jipprovdi appoġġ loġistiku għall-forzi tas-sigurtà Russi li jużaw l-ajruport għal diversi operazzjonijiet. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 929. | Oleg Vladimirovich DERIPASKA<br>(Олег Владимирович ДЕРИПАСКА) | Data tat-twelid: 2.1.1968<br>Post tat-twelid: Dzerzhinsk, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: negozjant ewlieniRussu; sid Russian Machines, Military Industrial Company u Arzamas Machine-Building Plant<br>Entitajiet assoċjati: Russian Machines, Military Industrial Company u Arzamas Machine-Building Plant<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Oleg Deripaska huwa negozjant ewlieni, sid Rusal, waħda mill-akbar kumpaniji fid-dinja fl-industrija globali tal-aluminju. F'Marzu 2022 attenda l-Forum Ekonomiku ta' Krasnoyarsk, waħda mill-konferenzi ekonomiċi Russi ewlenin li b'fokus fuq l-iżvilupp reġjonali. Huwa wkoll is-sid benefiċjarju ta' GAZ Group, konglomerat awtomobilistiku Russu li jinkludi Military Industrial Company LLC, fornitur ewlieni ta' armi u tagħmir militari għall-forzi armati Russi. Arzamas Machine-Building Plant, parti minn Military-Industrial Company LLC, timmanifattura t-trasportaturi anfibji armati tal-persunal BTR-80 li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Oleg Deripaska huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 932. | Alexander Yevgenevych ANANCHENKO<br>(Александр Евгеньевич АНАНЧЕНКО) | Data tat-twelid: 2.2.1966<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Membru tal-Kunsill tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Federazzjoni dwar l-Istruttura Federali, il-Politika Reġjonali, l-Awtonomija Lokali u l-Affarijiet tat-Tramuntana. | 8.4.2022 |
| 936. | Vladimir Nikolaevich ANTONOV<br>(Владимир Николаевич АНТОНОВ / Володимир Миколайович АНТОНОВ) | Data tat-twelid: 24.12.1979<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ "Viċi President tal-Gvern" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 939. | Aleksandr Aleksandrovich OPRISCHENKO<br>(Александр Александрович ОПРИЩЕНКО / Олександр Олександрович ОПРИЩЕНКО) | Data tat-twelid: 24.4.1976<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ "Aġent Ministru għas-Saħħa" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "l-Ewwel Viċi Ministru attwali għall-Kura tas-Saħħa". Billi assuma dawk il-kapaċitajiet u aġixxa fihom, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 940. | Natalya Yurevna NIKONOROVA<br>(Наталья Юрьевна НИКОНОРОВА / Наталя Юр'ївна НІКОНОРОВА) | Data tat-twelid: 28.9.1984<br>Post tat-twelid: Donetsk, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: mara | L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Barranin" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", membru attwali tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Federazzjoni għall-Affarijiet Internazzjonali u Senatur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, b'mod attiv dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 942. | Aleksandr Yurevich GROMAKOV<br>(Александр Юрьевич ГРОМАКОВ / Олександр Юрійович ГРОМАКОВ) | Data tat-twelid: 4.9.1958<br>Post tat-twelid: Donetsk, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għaż-Żgħażagħ, l-Isport u t-Turiżmu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 943. | Mikhail Nikolaevich KUSHAKOV<br>(Михаил Николаевич КУШАКОВ / Михайло Миколайович КУШАКОВ) | Data tat-twelid: 23.11.1958<br>Post tat-twelid: USSR (issa Republic of Moldova)<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa r-Rettur tal-Akkademja tal-Liġi ta' Donbas. Billi assuma dawk il-kapaċitajiet u aġixxa fihom, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 947. | Sergei Sergeevich NAUMETS<br>(Сергей Сергеевич НАУМЕЦ / Сергій Сергійович НАУМЕЦЬ) | Data tat-twelid: 13.7.1976<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u s-Servizzi Komunali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1073. | Mikhail Vasilyevich GOLUBOVICH<br>(Михаил Васильевич ГОЛУБОВИЧ) | Data tat-twelid: 21.11.1943<br>Post tat-twelid: Zolotonosha, USSR (issa Ukraine)<br>Sess: raġel | Eks membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fl-2016 inħatar Ċittadin Onorarju ta' Luhansk u fl-2015 inħatar Artist tal-Poplu tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Huwa d-direttur artistiku tat-Teatru Akkademiku ta' Luhansk għall-Mużika u d-Drama Ukreni f'Oboronna. Fl-2022 irċieva ċ-Ċertifikat tal-Unur tal-Kunsill tal-Poplu tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fl-2023 irċieva ittra ta' ringrazzjament mill-Viċi Presidest tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa u gratitudni mill-Ministru għall-Kultura tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u komplew jiddestabbilizzaw lill-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 1110. | Gulbakhor ISMAILOVA<br>(magħrufa wkoll bħala Ismailova GULBAKHOR)<br>Гульбахор ИСМАИЛОВА | Data tat-twelid: 22.12.1959<br>Post tat-twelid: USSR (issa Uzbekistan)<br>Indirizz: Apartment 81-83, 79 Ustabayeva Street 1000187 Tashkent, Uzbekistan<br>Individwu assoċjat: Alisher Usmanov, ħuha<br>Nazzjonalità: Russa<br>Nru tal-Passaport: 71 3059195 (Russu)<br>Sess: mara | Gulbakhor Ismailova hija oħt Alisher Usmanov, negozjant ewlieni favur il-Kremlin elenkat fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Kriminali (Bundeskriminalamt) tal-Ġermanja żvelaw li Alisher Usmanov indirettament trasferixxa assi lil oħtu Gulbakhor Ismailova. B'mod partikolari sid il-jott "Dilbar" hija Navis Marine Ltd. (il-Gżejjer Cayman) li l-azzjonist tagħha hija Almenor Holdings Ltd. (Ċipru). L-ishma kollha f'dik il-kumpanija azzjonarja huma miżmuma minn Pomerol Capital SA (l-Iżvizzera) f'kumpanija fiduċjarja għall-benefiċċju ta' "The Sisters Trust". Mill-2017 Alisher Usmanov ma baqax azzjonist ta' din il-kumpanija fiduċjarja biex b'hekk ħalla lil oħtu Gulbakhor Ismailova l-uniku sid benefiċjarju tal-jott "Dilbar".<br>Kellha wkoll konnessjonijiet ma' proprjetà immobbli lussuża fl-Italja u fil-Latvja li tista' tiġi konnessa ma' ħuha Alisher Usmanov. Tiddependi minn network ta' kumpaniji fittizji biex taħbi ġid ħuha. Għalhekk hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika minn ħuha Alisher Usmanov. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1156. | Marina Alexandrovna MORDASHOVA<br>(bir-Russu: Марина Александровна МОРДАШОВА | Data tat-twelid: 17.5.1979<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara<br>Individwi assoċjati:<br>Alexey Mordashov (sieħeb)<br>Kirill Mordashov (bin żewġha)<br>Nikita Mordashov (bin żewġha)<br>Entitajiet assoċjati:<br>Ondero Limited, British Virgin Islands<br>Unifirm Limited, Cyprus<br>Ranel Assets Limited, British Virgin Islands<br>Rayglow Limited, Cyprus<br>ServerGroup LLC (Russian Federation)<br>KN-Holding LLC (Russian Federation) | Marina Mordashova hija s-sieħba ta' Alexey Mordashov, President tal-kumpanija Severgroup. Alexey Mordashov trasferixxa l-ishma tiegħu f'TUI, kumpanija kbira tal-ivvjaġġar, u fil-kumpanija tad-deheb Nordgold, li flimkien jiswew aktar minn EUR 1.5 biljun, lis-sieħba tiegħu Marina Mordashova permezz ta' diversi kumpaniji offshore, inkluż Unifirm Limited, Ondero Limited u Ranel Assets Limited li huma l-proprjetà ta' Marina Mordashova jew huma kkontrollati minnha. Għalhekk Marina Mordashova hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika mis-sieħeb tagħha Alexey Mordashov. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1157. | Mikhail Evgenievich MIZINTSEV<br><br>(bir-Russu: Михаил Евгеньевич МИЗИНЦЕВ) | Data tat-twelid: 10.9.1962<br><br>Post tat-twelid: Averinskaya, Syamzhensky district, Vologda region, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Funzjoni: eks Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa Eks Kap tan-National Defense Control Center of the Russian Federation, Kurunell Ġeneral<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Il-Kurunell Ġeneral Mikhail Mizintsev huwa l-eks Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa u eks Kap taċ-Ċentru ta' Kontroll Nazzjonali għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Mizintsev għandu l-laqam "il-Biċċier ta' Mariupol" u huwa identifikat bħala l-kmandant li ssorvelja l-assedju ta' Mariupol, fejn idderieġa l-bombardament ta' Mariupol mill-forzi Russi billi uża tattiċi li kienu ntużaw fl-assedju ta' Aleppo, is-Sirja. B'mod partikolari Mizintsev huwa akkużat li fassal u dderieġa l-bombardamenti tal-belt ta' Mariupol fejn inqatlu eluf ta' ċivili, inkluż il-bombardamenti ta' sptar tal-maternità u ta' teatru f'Mariupol li qatlu mijiet ta' tfal. Għalhekk Mikhail Mizintsev huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 3.6.2022 |
| 1172. | Aleksandra MELNICHENKO<br><br>(bis-Serb: Александра МЕЉНИЧЕНКО)<br><br>(bil-Kroat: Aleksandra MELJNIČENKO) | Data tat-twelid: 21.4.1977<br><br>Post tat-twelid: Belgrade, Yugoslavia (now Republic of Serbia)<br><br>Individwu assoċjat: Andrey Igorevich Melnichenko (żewġha)<br><br>Nazzjonalità: Serba, Kroata<br><br>Sess: mara<br><br>Numru tal-passaport: Passaport Kroat Nru 012516964 (data ta' skadenza: 5.5.2033) | Aleksandra Melnichenko hija mart Andrey Melnichenko, industrijalist Russu li fid-9 ta' Marzu 2022 trasferilha s-sjieda u l-benefiċċju effettivi tiegħu tal-produttur ewlieni ta' fertilizzanti EuroChem Group u tal-kumpanija tal-faħam SUEK.<br><br>Aleksandra Melnichenko tibbenefika minn din il-fortuna u minn ġid żewġha. F'Marzu 2022 Aleksandra Melnichenko ssostitwiet lil żewġha bħala s-sid benefiċjarju ta' Firstline Trust, immaniġġata minn Linetrust PTC Ltd, kumpanija li tirrappreżenta lis-sid aħħari ta' EuroChem Group.<br><br>Għalhekk hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika minn żewġha Andrey Melnichenko u hija marbuta miegħu b'interessi finanzjarji komuni. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1174. | Pavel Evgenevich PRIGOZHIN<br>(Павел Евгеньевич ПРИГОЖИН) | Data tat-twelid: 18.6.1998<br>Nazzjonalità: Russa<br>Numru ta’ identifikazzjoni tal-kontribwent: 780103765308<br>Individwi assoċjati: Yevgeniy Viktorovich Prigozhin (missier), Lyubov Valentinovna Prigozhina (omm), Polina Evgenievna Prigozhina (oħtha)<br>Entitajiet assoċjati: Lakhta Park, Lakhta Park Premium, Lakhta Plaza, Turtrans<br>Sess: raġel | Pavel Prigozhin huwa iben Yevgeniy Prigozhin, negozjant ewlieni li jopera fir-Russja b’rabtiet mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja. Yevgeniy Prigozhin huwa l-fundatur u l-kap mhux uffiċjali ta’ Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja li hija responsabbli għall-istazzjonament ta’ merċenarji fl-Ukrajna.<br>Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpanija li Yevgeniy Prigozhin waqqaf u kellu s-sjieda tagħha sa Novembru 2019, kif ukoll grupp ta’ kumpaniji oħra marbuta miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, kienu u għadhom qed jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja.<br>Pavel Prigozhin huwa assoċjat ma’ diversi kumpaniji li qabel kienu jappartjenu lil ommu Lyubov Valentinovna Prigozhina: Beta LLC, Turstatus, Lakhta Park Premium LLC, Lakhta Park LLC u Lakhta Plaza LLC. Barra minn hekk Pavel Prigozhin huwa assoċjat mal-kumpanija JSC Businessprof li hija sid iċ-Ċentru Kummerċjali Sinop f’San Pietruburgu.<br>Għalhekk huwa assoċjat ma’ negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti f’setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta’ dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll membru tal-familja immedjata li jibbenefika minn missieru Yevgeniy Prigozhin.<br>Barra minn hekk Pavel Prigozhin serva f’Wagner Group fis-Sirja. Ikkonferma pubblikament li huwa involut fl-operazzjonijiet militari kontra l-Ukrajna billi jservi f’unità ta’ Wagner Group fir-reġjun ta’ Donbas. Għalhekk b’mod attiv jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1175. | Arkady Yurievich VOLOZH<br>(Аркадий Юрьевич ВОЛОЖ) | Data tat-twelid: 11.2.1964<br>Post tat-twelid: Atyrau, USSR (issa Kazakhstan)<br>Funzjoni: kofundatur u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex N.V.<br>Nazzjonalità: Russa, Maltija<br>Sess: raġel | Arkady Volozh huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali fl-IT u fit-teknoloġija. Huwa l-fundatur u l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex wara li rriżenja meta ġie elenkat mill-Unjoni Ewropea. Huwa azzjonist ewlieni ta' Yandex, l-akbar kumpanija tal-internet fir-Russja li tħaddem l-aktar magna tat-tiftix popolari fir-Russja. Yandex topera fis-settur tal-ICT li jiġġenera dħul konsiderevoli mit-taxxa għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Il-banek tal-Istat Russi bħal Sberbank u VTB huma azzjonisti u investituri f'Yandex.<br>Fl-2019 Yandex aċċettat ristrutturar li ta "sehem tad-deheb" lil Fondazzjoni għall-Interess Pubbliku li kien għadha kemm ġiet iffurmata bl-għan li "tiddefendi l-interessi tal-Federazzjoni Russa". Permezz tal-Fondazzjoni għall-Interess Pubbliku l-Gvern tal-Federazzjoni Russa jista' jkollu veto fuq lista definita ta' kwistjonijiet, bħall-bejgħ ta' proprjetà intellettwali materjali u l-bejgħ jew it-trasferiment tad-data personali tal-utenti Russi lil kumpaniji barranin, li t-tnejn li huma jitqiesu li jaffettwaw l-"interess nazzjonali" tar-Russja. Yandex hija responsabbli wkoll għall-fatt li tippromwovi l-media u n-narrattivi tal-Istat fir-riżultati ta' tiftix tagħha, u li tiddeklassifika u tneħħi kontenut li jikkritika lill-Kremlin, bħall-kontenut relatat mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Minn meta bdiet il-gwerra Yandex segwiet il-politika ta' informazzjoni u ċ-ċensura tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Ir-riżultati tal-magna tat-tiftix Yandex ikkonformaw mat-talbiet tal-awtoritajiet Russi u juru biss is-sorsi relatati mal-propaganda Russa favur il-gwerra. Barra minn hekk Yandex għenet lil siti web li jippromwovu dikjarazzjonijiet foloz u favur ir-Russja dwar l-invażjoni tal-Ukrajna biex jiġġeneraw profitt permezz tar-reklamar diġitali.<br>Għalhekk Volozh huwa negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk appoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1183. | Sharip Sultanovich DELIMKHANOV<br>(Шарип Султанович ДЕЛИМХАНОВ) | Data tat-twelid: 23.4.1980<br>Post tat-twelid: Dzhalka, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Kmandant tal-fergħa Ċeċena tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa.<br>Responsabbli għall-kmand tal-forzi Ċeċeni matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż fir-reġjuni ta' Kiev u Donbas. Ingħata t-titlu "Eroj tar-Repubblika taċ-Ċeċenja" għall-attivitajiet tiegħu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>F'din il-kapaċità huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1190. | Alexey Mikhailovich KUZMENKOV<br>(Алексей Михайлович КУЗЬМЕНКОВ) | Data tat-twelid: 10.6.1971<br>Post tat-twelid: Horlivka, USSR (issa Ukraine)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Aleksey Kuzmenkov inħatar Viċi Ministru għad-Difiża għal-loġistika. Huwa l-eks Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – viċi Kap Kmandant tar-Rosgvardia.<br>Xi unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol biex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Kellhom ukoll sehem fil-qtil, l-istupru u t-tortura ta' ċivili f'Bucha, l-Ukrajna. Xi membri tar-Rosgvardia arrestaw ċittadini favur l-Ukrajna u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari.<br>Għalhekk fil-kapaċità preċedenti u f'dik preżenti tiegħu, huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1193. | Konstantin Vladimirovich IVASHCHENKO<br>(bir-Russu: Константин Владимирович ИВАЩЕНКО;<br>bl-Ukren: Костянтин Володимирович ІВАЩЕНКО) | Data tat-twelid: 3.10.1963<br>Post tat-twelid: Mariupol, USSR (issa Ukraine)<br>Nazzjonalità: Ukrena<br>Sess: raġel | Wara li l-forzi armati Russi ħadu l-belt ta' Mariupol, fis-6 ta' April 2022 l-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" Denis Pushilin ħatar lil Konstantin Ivashchenko sindku ta' Mariupol. Dan tkeċċa f'Jannar 2023. Appoġġa u pparteċipa pubblikament fit-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1197. | Andrei Vladimirovich SHEVCHIK<br>(bir-Russu: Андрей Владимирович ШЕВЧИК) | Data tat-twelid: 17.6.1973<br>Post tat-twelid: Krasnoyarsk-26, USSR (issa Zheleznogorsk , Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | L-eks hekk imsejjaħ sindku ta' Enerhodar. Fis-27 ta' Marzu 2022 organizza l-ħolqien ta' "kunsill ta' awtorganizzazzjoni tal-belt" ta' Enerhodar, li ma kienx appoġġat mill-awtoritajiet Ukreni.<br>Fil-kapaċità preċedenti tiegħu, huwa kien responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1201. | Maya Nikolaevna BOLOTOVA (imwielda TOKAREVA)<br>(magħrufa wkoll bħala Maiya/Mayya/Maija/Maja Nikolaevna BOLOTOVA)<br>(Майя Николаевна БОЛОТОВА (ТОКАРЕВА) | Data tat-twelid: 18.1.1975<br>Post tat-twelid: Karaganda, USSR (issa Kazakhstan)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Maya Bolotova (imwielda Tokareva) hija bint Nikolay Tokarev, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Transneft, kumpanija Russa ewlenija taż-żejt u l-gass. Maya Bolotova u l-eks raġel tagħha Andrei Bolotov jippossiedu proprjetà immobbli lussuża f'Moska, fil-Latvja u fil-Kroazja li tiswa aktar minn USD 50 miljun u li tista' tiġi konnessa ma' Nikolay Tokarev. Għandha wkoll konnessjonijiet mal-kumpanija Ronin, li timmaniġġa l-fond providenti għal Transneft. Meta applikat għaċ-ċittadinanza Ċiprijotta, fl-istqarrija għall-istampa niżżlet l-indirizz ta' Ronin Europe bħala tagħha stess. Barra minn hekk permezz tal-kumpanija immobiljari tagħha Ostozhenka 19 (li qabel kien jisimha RPA Esteit) għandha konnessjonijiet ma' Ronin Trust, li timmaniġġa l-fond providenti ta' Transneft. Għalhekk Maya Bolotova hija membru tal-familja immedjata li tibbenefika minn Nikolay Tokarev, negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. | 21.7.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1202. | Pavel EZUBOV<br>(Павел ЕЗУБОВ) | Data tat-twelid: Awwissu 1975<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Pavel Ezubov huwa l-kuġin ta' Oleg Deripaska, sid il-konglomerat industrijali Russian Machines li jinkludi Military Industrial Company, fornitur ewlieni tal-armi u t-tagħmir militari lill-forzi armati Russi. Oleg Deripaska trasferixxa assi kbar lil kuġinuh Pavel Ezubov, inkluż diversi proprjetajiet fi Franza permezz ta' kumpanija azzjonarja li tappartjeni lil Ezubov, lukanda f'Lech, l-Awstrija permezz tal-kumpanija azzjonarja bbażata fir-Russja Gost Hotel Management LLC li tappartjeni lil Ezubov, kif ukoll kontroll tal-kumpanija Terra Limited. Għalhekk Pavel Ezubov huwa membru tal-familja immedjata li jibbenefika minn kuġinuh Oleg Deripaska. | 21.7.2022 |
| 1213. | Andrey Anatolyevich KOZITSYN<br>(Андрей Анатольевич КОЗИЦЫН) | Data tat-twelid: 9.6.1960<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Andrey Kozitsyn huwa negozjant Russu ewlieni. Huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Ural Mining Metallurgical Company (UMMC/UGMK), wieħed mill-produtturi Russi prinċipali ta' komoditajiet ewlenin (inkluż ir-ram, iż-żingu, il-faħam, id-deheb u l-fidda) u għadu negozjant attiv f'bosta setturi kummerċjali differenti. Huwa rikonoxxut għall-kontributi importanti tiegħu għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tar-reġjun ta' Ural. Għalhekk huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 21.7.2022 |
| 1244. | Evgeniy Alexandrovich SOLNTSEV<br>(Евгений Александрович СОЛНЦЕВ) | Data tat-twelid: 1980<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ "Viċi President tal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" mit-8 ta' Ġunju 2022.<br>Fit-30 ta' Marzu 2023 inħatar President tal-Gvern tal-hekk imsejħa "ir-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jtellfu l-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1264. | Sayed Hojatollah QUREISHI<br>(سید حجت الله قریشی)<br>(magħruf ukoll bħala Sayyed Hojatolah GHOREISHI) | Data tat-twelid: 27.9. 1964<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Grad: ġeneral<br>Pożizzjoni: Kap tas-Supply, Research, and Industrial Affairs Division fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran<br>Passaport N42881363 (Iran) li jiskadi fl-10 ta' Ottubru 2022; jew Passaport D9021706 (Iran) li jiskadi fl-14 ta' Lulju 2021; jew Passaport D10007155 (Iran) li jiskadi fis-17 ta' Awwissu 2025; jew Passaport A59655618 (Iran) li jiskadi fil-15 ta' Settembru 2027; Numru tal-identità nazzjonali: 5929869741 (Iran) | Il-Ġeneral Sayed Qureishi huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran u huwa responsabbli għan-negozjar tal-ftehim mal-Federazzjoni Russa b'rabta mal-forniment ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) magħmula fl-Iran biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk il-Ġeneral Sayed Qureishi huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 20.10.2022 |
| 1271. | Hamid VAHEDI<br>(حمید واحدی) | Data tat-twelid: Marzu/April 1965<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Grad: Brigadier Ġeneral<br>Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Iranian Air Force | Il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi huwa l-Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru Iranjana.<br>F'din il-pożizzjoni huwa involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm Iranjan ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs), l-esportazzjonijiet ta' UAVs u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża mal-Federazzjoni Russa f'dan il-qasam, li kollha wasslu biex il-UAVs Iranjani jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1273. | Denis Sergeevich KURASHOV<br>(Денис Сергеевич КУРАШОВ) | Data tat-twelid: 31.05.1978<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Denis Sergeevich Kurashov serva bħala Viċi Ministru, u minn Mejju 2023 bħala Ministru għall-Komunikazzjoni tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (DPR). Bħala parti mill-hekk imsejjaħ gvern tal-Oblast ta' Donetsk anness illegalment, huwa involut f'attivitajiet separatisti u huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referendum biex Donetsk isir parti mir-Russja. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 1274. | Dmitriy Vladimirovich SHMELEV<br>(Дмитрий Владимирович ШМЕЛЕВ) | Data tat-twelid: 1981<br>Post tat-twelid: Gelendzhik, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Dmitry Shmelev serva bħala Ministru għad-Dħul tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) sal-21 ta' Frar 2023. Bħala parti mill-hekk imsejjaħ gvern tal-Oblast ta' Donetsk anness illegalment, kien involut f'attivitajiet separatisti u huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referendum biex Donetsk isir parti mir-Russja. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 1275. | Timur Ilgizovich SAMATOV<br>(Тимур Ильгизович САМАТОВ) | Data tat-twelid: 4.4.1992<br>Post tat-twelid: Kazan, Russian Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Il-Gvern Russu ħatar lil Timur Samatov Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk. Bħala parti mill-hekk imsejjaħ gvern tal-Oblast ta' Luhansk anness illegalment, huwa involut f'attivitajiet separatisti u huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referendum biex Luhansk isir parti mir-Russja. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1384. | Valeriy Mikhailovich PAKHNITS<br>(Валерий Михайлович ПАХНИЦ / Валерій Михайлович ПАХНИЦЬ) | Data tat-twelid: 22.1.1953<br>Post tat-twelid: Mariupol, USSR (issa Ukraine)<br>Nazzjonalità: Ukrena<br>Sess: raġel<br>Indirizz: 5 Myslichenko St. Chmyrevka village, Starobilskyi district, Luhansk region, USSR (issa Ukraine)<br>Nru ta' identifikazzjoni tat-taxxa 1938008353 (Ukrajna) | Valeriy Pakhnits huwa l-eks aġent kap maħtur mir-Russja tal-amministrazzjoni tad-distrett ta' Starobilskyi. Fir-rwol tiegħu issorvelja s-sekwestru ta' prodotti agrikoli u ħbub Ukreni biex jiġu trasferiti lejn ir-Russja. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 1405. | Aleksey Aleksandrovich PETROV<br>(Алексей Александрович ПЕТРОВ) | Data tat-twelid: 29.9.1995<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Aleksey Petrov huwa l-Konsulent għall-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol huwa involut fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u fl-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Aleksey Aleksandrovich Petrov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiv Ukreni, għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 1420. | Andrey Alexandrovich SPIVAK<br>(Андрей Александрович СПИВАК) | Data tat-twelid: 14.12.1977<br>Post tat-twelid: Dnipropetrovsk, USSR (issa Dnipro, Ukraine)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Eks Prosekutur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" annessa illegalment taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.2.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1425. | Vladimir Ivanovich BULAVIN<br>(Владимир Иванович БУЛАВИН) | Data tat-twelid: 11.2.1953<br>Post tat-twelid: Ploskim, USSR (issa Stanovoye, Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Vladimir Bulavin huwa l-eks Kap tas-Servizz Doganali Federali tal-Federazzjoni Russa u Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Fir-rwol tiegħu bħala l-Kap tas-Servizz Doganali Federali ssorvelja l-isforzi biex tinkiseb importazzjoni parallela lejn ir-Russja biex jiddgħajfu r-restrizzjonijiet kummerċjali u doganali. Awtorizza wkoll il-ftuħ ta' uffiċċji u l-eżerċitar ta' awtorità diretta fuq il-proċessi doganali fit-territorji annessi illegalment ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia, kif ukoll l-impożizzjoni tal-kodiċi doganali tar-Russja f'dawn it-territorji.<br>Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna | 25.2.2023 |
| 1443. | Aleksey Aleksandrovich UCHENOV<br>(Алексей Александрович УЧЕНОВ) | Data tat-twelid: 13.2.1986<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Funzjoni: eks Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Aleksey Uchenov kien Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ mill-2021 sa Marzu 2023. Il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ huwa l-korp eżekuttiv federali responsabbli għall-iżvilupp tal-politika tal-Istat u r-regolamentazzjoni legali, fost l-oħrajn fl-oqsma tal-kumpless militari industrijali, l-attivitajiet fl-ispazju u l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-avjazzjoni. Il-Ministeru jissorvelja l-industrija tal-armi u tad-difiża tar-Russja u għandu rwol kruċjali fl-akkwist ta' tagħmir militari li jintuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Matul il-mandat tiegħu bħala Viċi Ministru tal-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ kien responsabbli għal azzjonijiet u attivitajiet tal-Ministeru li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa persuna fiżika li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 25.2.2023 |
| 1487. | Vyacheslav Aleksandrovich BOGUSLAYEV<br>(Вячесла́в Алекса́ндрович БОГУСЛА́ЕВ) | Data tat-twelid: 28.10.1938<br>Post tat-twelid: Oral/ Uralsk, USSR (issa Kazakhstan)<br>Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC MOTOR SICH; eks membru tal-parlament Ukren<br>Nazzjonalità: Ukrena, Russa<br>Sess: raġel | Vyacheslav BOGUSLAYEV huwa eks deputat Ukren tal-partit favur ir-Russja tar-reġjuni u huwa azzjonist ewlieni tal-kumpanija JSC MOTOR SICH, manifattur Ukren tal-magni tal-inġenji tal-ajru. Huwa responsabbli għall-forniment ta' magni lill-armata Russa biex jiġu prodotti u msewwija ħelikopters tal-ġlied (Mi-8, Mi24, Mi28 u Ka-52) li ntużaw b'mod estensiv matul il-kunflitt fl-Ukrajna, speċjalment fil-bidu tal-gwerra. Kompla jipprovdi tagħmir militari lit-truppi Russi minkejja l-kunflitt, u għadu jappoġġa lill-forzi armati Russi.<br>F'Ottubru 2022 l-awtoritajiet Ukreni żammewh f'detenzjoni u akkużawh b'attivitajiet kollaborattivi, kif ukoll b'"kompliċità mal-Istat aggressur" u tradiment. | 25.2.2023 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | | Vyacheslav Boguslaev ħallas ukoll taxxi u pagamenti doganali favur l-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”, li ntużaw biex il-fruntieri tal-Ukrajna jiġu mċaqilqa bil-forza. Għalhekk qed iwettaq ukoll tranżazzjonijiet mas-separatisti fir-reġjun ta’ Donbas tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-fatt li jappoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | |
| 1491. | Ghassem DAMAVANDIAN (قاسم دماونديان) | Data tat-twelid: 2.5.1968 Post tat-twelid: Tehran, Iran Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv u direttur maniġerjali ta’ Qods Aviation Industries Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 0052944492 (Iran) Entitajiet assoċjati: Qods Aviation industries | Ghassem Damavandian huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u d-direttur maniġerjali ta’ Qods Aviation Industry (QAI), entità li qed tbigħ droni Mohajer-6 lir-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Żar Moska bħala rappreżentant uffiċjali tal-Iran għal taħditiet dwar il-bini fil-futur ta’ faċilità ġdida għall-produzzjoni tad-droni fir-Russja. Għalhekk fir-rwol tiegħu huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 25.2.2023””; |

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| '13. | State Unitary Enterprise of the City of Sevastopol, ”Sevastopol seaport”<br>ГУП ГС ”Севастопольский морской порт”<br>(qabel magħrufa bħala State enterprise ”Sevastopol commercial seaport”<br>Государственное предприятие ”Севастопольский морской торговьй порт”<br>Gosudarstvenoye predpriyatiye ”Sevastopolski morskoy torgovy port”) | Indirizz: Nakhimov Square 5, 299011 Sevastopol<br>(пл. Нахимова, 5, г. Севастополь, 299011)<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1149204004707<br>Sit web: https://www.sevmp.ru/<br>Posta elettronika: gupsmp@mail.ru | It-trasferiment tas-sjieda tal-entità mar kontra l-liġi Ukrena. Fis-17 ta' Marzu 2014 il-”Parlament tal-Krimea” adotta r-Riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 ”Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpaniji li jappartjenu lill-ministeri Ukreni għall-infrastruttura jew għall-agrikoltura” li tiddikjara l-approprjazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-intrapriża tal-Istat ”Sevastopol commercial seaport” f'isem ir-”Repubblika tal-Krimea”. Għalhekk l-intrapriża hija effettivament ikkonfiskata mill-”awtoritajiet” tal-Krimea. Fl-2023 tħabbar li s-sjieda tal-Intrapriża Unitarja tal-Istat tal-Belt ta' Sevastopol ”Sevastopol seaport” ser tiġi trasferita lill-Federazzjoni Russa. F'termini ta' volum ta' kummerċ huwa l-akbar port tal-baħar kummerċjali fil-Krimea. Fis-6 ta' Ġunju 2014 ġiet irreġistrata mill-ġdid bħala l-Intrapriża Unitarja tal-Istat tal-Belt ta' Sevastopol ”Sevastopol seaport” (Государственное унитарное предприятие города Севастополя ”Севастопольский морской порт”). Fundatur: Il-Gvern ta' Sevastopol (Правительство Севастополя). | 25.7.2014 |
| 21. | Kumpanija b'Ishma Konġunti Almaz-Antey air and space defence corporation<br>Акционерное общество 'Концерн воздушно-космической обороны “Алмаз – Антей”<br>(magħrufa wkoll bħala Concern Almaz-Antey; Almaz-Antey corp; magħrufa wkoll bħala Almaz-Antey defense corporation; magħrufa wkoll bħala Almaz-Antey JSC; Концерн ВКО ”Алмаз — Антей”;) | Indirizz: 41 ul: Vereiskaya street, Moscow 121471, Russian Federation<br>Sit web: www.almaz-antey.ru<br>Posta elettronika: antey@almaz-antey.ru<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739001993 | Almaz-Antey hija kumpanija tal-Istat Russa. Timmanifattura armi kontra l-inġenji tal-ajru, inkluż missili mill-wiċċ għall-ajru li tforni lill-armata Russa. L-awtoritajiet Russi kienu u għadhom qed ifornu armi tqal lis-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna, li kkontribwixxa għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Dawn l-armi jintużaw mis-separatisti, inkluż biex iwaqqgħu l-ajruplani. Għalhekk bħala kumpanija tal-Istat, Almaz-Antey tikkontribwixxi għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna l-forzi militari Russi għadhom jużaw sistemi ta' missili bħall-familja tal-missili mill-wiċċ għall-ajru S-300 u s-sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru Strela-10 u Sosna-R, li huma żviluppati u prodotti minn Almaz-Antey. Għalhekk il-korporazzjoni tad-difiża Almaz-Antey hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 23. | PJSC "Russian National Commercial Bank"<br><br>(Публичное акционерное общество "Российский национальный коммерческий банк") | Indirizz: 295000, Simferopol, Naberezhnaja str named after 60th anniversary of USSR, 34<br><br>295000, Симферополь, ул. Набережная имени 60–летия СССР, д. 34<br><br>Sit web: http://www.rncb.ru<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700381290 | Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, Russian National Commercial Bank (RNCB) sar jappartjeni kompletament lill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". F'Jannar 2016 sar proprjetà tal-Aġenzija Federali għall-Immaniġġar tal-Propjetà tal-Istat, magħrufa wkoll bħala Rosimushchestvo (Федеральное агентство по управлению государственным имуществом (Росимущество)).<br><br>Sar l-attur dominanti fis-suq meta qabel l-annessjoni ma kienx preżenti fil-Krimea. Billi xtara jew ħa pussess ta' fergħat ta' banek li rtiraw l-operazzjonijiet tagħhom fil-Krimea, RNCB appoġġa materjalment u finanzjarjament l-azzjonijiet tal-Gvern Russu biex il-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa, u għalhekk dgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna.<br><br>Fid-29 ta' Jannar 2020 l-Bank Ċentrali tar-Russja ddeċieda li jorganizza mill-ġdid is-Sevastopol Marine Bank bil-parteċipazzjoni ta' RNCB. Il-bank ipparteċipa f'żewġ proġetti infrastrutturali kbar fil-Krimea – dan jiffinanzja l-bini ta' kumpless ġdid ta' terminal tal-ajru f'Simferopol u ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni (Balaklavskaya TPP u Tavricheskaya TPP).<br><br>Fl-2023 RNCB sar sussidjarju ta' VTB Bank, li huwa proprjetà tal-Istat u l-akbar bank tar-Russja, li huwa istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti tal-Gvern Russu u għadu sors primarju ta' dħul għall-Federazzjoni Russa.<br><br>Għalhekk RNCB jappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. L-RNCB huwa wkoll persuna ġuridika involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 30.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 25. | Moviment pubbliku ”Peace to Luhansk Region” (Mir Luganschine)<br><br>Общественное движение ”Мир Луганщине” | Indirizz: Karl Marx Street 7, Luhansk, Ukraine<br><br>улица Карла Маркса, 7, г. Луганск, Украина<br><br>Sit web: https://mir-lug.info//<br><br>Email: info@mir-lug.info | ”Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa ”elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa ”Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk” fit-2 ta' Novembru 2014 u fil-11 ta' Novembru 2018. Dawn l-”elezzjonijiet” jiksru l-liġi Ukrena u għalhekk huma illegali. Mis-17 ta' Frar 2018 il-President tal-organizzazzjoni huwa Leonid PASECHNIK u għalhekk din hija assoċjata ma' persuna ddeżinjata mill-Kunsill. Kienet involuta wkoll f'attivitajiet ta' reklutaġġ tal-partit United Russia fit-territorji annessi.<br><br>F'Lulju 2022 il-moviment pubbliku “Peace to Luhansk Region” iffirma ftehim ta' kooperazzjoni mal-partit ”United Russia” u kien kruċjali għall-attivitajiet ta' ”United Russia” fit-territorji annessi. Għalhekk permezz ta' dawk l-azzjonijiet u billi pparteċipat formalment fl-”elezzjonijet” illegali, din b'mod attiv appoġġat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jkomplu jiddestabbilizzaw l-Ukrajna. | 29.11.2014 |
| 46. | Stroygazmontazh-Most OOO (SGM-Most OOO)<br><br>ООО Стройгазмонтаж-Мост<br><br>(ООО СГМ-Мост) | Indirizz: Barklaya street 6, building 7 Moscow, 121087 Russian Federation<br><br>Numru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni: 1157746088170<br><br>Nru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7730018980<br><br>Posta elettronika: kerch-most@yandex.ru<br><br>Sit web: http://kerch-most.ru/<br><br>Fil-proċess ta' likwidazzjoni<br><br>Likwidatur: Igor Staloverov | Stroygazmontazh-Most OOO kienet sussidjarja tal-kuntrattur ewlieni Stroygazmontazh li mmaniġġat il-proġett ta' kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch u pparteċipat fil-bini tiegħu. Barra minn hekk hija proprjetà ta' individwu (Arkady Rotenberg) li huwa diġà ddeżinjat għall-azzjonijiet tiegħu li jdgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna (il-persuna Nru 92 f'dan l-Anness). Għalhekk il-kumpanija qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 31.7.2018 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 47. | CJSC VAD<br><br>AKTSIONERNOE OBSHCHESTVO VAD<br><br>АО "ВАД" | Indirizz:<br>133 Chernyshevskogo street, Vologda, Vologodskaya Oblast, 160019 Russian Federation<br><br>122, Grazhdanskiy Prospect, suite 5, Liter A, St. Petersburg, 195267 Russian Federation<br>Numru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni: 1037804006811 (Russja)<br><br>Nru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7802059185<br><br>Sit web: www.zaovad.com<br><br>Posta elettronika: office@zaovad.com<br><br>Telefown: (812) 328-89-80 | CJSC VAD hija l-kuntrattur ewlieni għall-bini tal-awtostrada Tavrida fil-Krimea, it-triq fuq il-pont ta' Kerch u t-toroq ta' aċċess għaliha. L-awtostrada Tavrida ser tipprovdi aċċess għat-trasport lejn il-Krimea permezz ta' sistema ta' toroq li għadhom kif inbnew u li jservu bħala konnessjoni primarja mal-pont ta' Kerch. Għalhekk CJSC VAD qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>Barra minn hekk CJSC VAD irċeviet diversi kuntratti tal-Istat kbar għall-bini ta' proġetti infrastrutturali fil-Krimea okkupata, b'valur totali ta' għexieren ta' biljuni ta' rubli. Għalhekk CJSC VAD qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 31.7.2018 |
| 52. | Internet Research Agency<br><br>(Агентство интернет-исследований) | Data tal-ħolqien: 2013<br><br>Indirizz: Saint Petersburg, Russian Federation<br><br>Individwi assoċjati: Yevgeny Prigozhin | Internet Research Agency hija kumpanija Russa involuta f'operazzjonijiet ta' influwenza online f'isem ir-Russja. L-għan aħħari tagħha huwa li timmanipula l-opinjoni pubblika.<br><br>Il-kumpanija twettaq kampanji ta' diżinformazzjoni mmirati lejn l-aġenda tal-Ukrajna billi tinfluwenza l-elezzjonijiet jew il-perċezzjonijiet dwar l-annessjoni tal-Krimea jew il-kunflitt f'Donbas. F'din il-kapaċità Internet Research Agency hija responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġat azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>Il-kumpanija nħolqot, hija mmaniġġata u ffinanzjata minn Yevgeny Prigozhin, u għalhekk hija assoċjata ma' persuna elenkata. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 54. | PROMSVYAZBANK<br><br>(ПАО "Промсвязьбанк") | Imwaqqaf fl-1995<br><br>Indirizz: Moscow, Russian Federation;<br><br>Sit web: psbank.ru<br><br>Individwi assoċjati: Petr Fradkov, Uffiċjal Kap Eżekuttiv<br><br>Telefown: 8 (800) 333 0303, +7 495 787 33 33<br><br>OGRN:1027739019142<br><br>INN: 7744000912 | PROMSVYAZBANK huwa bank tal-Istat Russu li jappoġġa finanzjarjament lis-settur tad-difiża Russu u lill-militar Russu, li huwa responsabbli għall-istazzjonament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u għall-preżenza ta' truppi Russi fil-peniżola tal-Krimea.<br><br>PROMSVYAZBANK jirċievi struzzjonijiet direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, u għalhekk jappoġġa finanzjarjament u materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna u għall-annessjoni illegali tal-Krimea.<br><br>PROMSVYAZBANK jopera fil-peniżola tal-Krimea u f'territorji Ukreni oħra okkupati mir-Russja. Fl-2023 PROMSVYAZBANK iffinalizza x-xiri ta' żewġ banek, proprjetà tad-DPR u tal-LPR. Għalhekk qed iwettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna. | 23.2.2022 |
| 55. | VEB.RF<br><br>(magħruf ukoll bħala Vnesheconombank; VEB) | Imwaqqaf fl-1922 bħala bank u fl-2007 bħala istitut għall-iżvilupp<br><br>Indirizz: st. Vozdvizhenka, 10, Moscow, Russian Federation<br><br>Sit web: veb.ru<br><br>Individwi assoċjati: Igor Shuvalov, President<br><br>Telefown: +7 (495) 604-63 | VEB.RF huwa istituzzjoni ewlenija għall-iżvilupp finanzjarju li l-President tiegħu jinħatar direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, u jirċievi struzzjonijiet direttament mingħandu. VEB.RF jiġġenera sors importanti ta' dħul għall-Gvern Russu u jimmaniġġa l-fondi providenti tal-Istat tiegħu.<br><br>VEB.RF għandu rwol attiv fid-diversifikazzjoni tas-settur tad-difiża tal-Federazzjoni Russa u għandu proġetti ma' kumpaniji fl-industrija tad-difiża, inkluż Rostec, li jappoġġaw azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>VEB ta self lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-Krimea u jqisha bħala "reġjun ta' prijorità" u għandu sħubijiet mal-Ministeru għall-Affarijiet tal-Krimea, responsabbli għall-integrazzjoni tar-"Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea" fil-Federazzjoni Russa.<br><br>F'din il-kapaċità VEB.RF b'mod attiv jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna, jew jibbenefika minnhom. | 23.2.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 66. | JSC Arzamas Machine-Building Plant<br>(АО "Арзамасский машиностроительный завод") | Indirizz: Ulitsa 9 Maya, 2, Arzamas, Nizhny Novgorod Oblast, 607220 Russian Federation<br>Telefown: +7 831 4740780<br>Sit web: amz.ru<br>Posta elettronika: oao_amz@amz.ru<br>Numru tat-taxxa: 5243001767<br>Numru tar-reġistrazzjoni tal-Istat: 1025201335730 | Arzamas Machine-Building Plant hija parti minn Military Industrial Company ta' Oleg Deripaska. Timmanifattura t-trasportaturi anfibji armati tal-persunal BTR-80 li ntużaw mir-Russja matul il-gwerra tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fl-2022. Qed ittejjeb ukoll il-proprjetajiet tal-armatura tal-vetturi militari Russi involuti fil-gwerra kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk Arzamas Machine-Building Plant hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |
| 67. | JSC Ruselectronics<br>(АО "Росэлектроника") | Indirizz: Vereiskaya Str., 29, p. 141., Moscow 115184, Russian Federation<br>Telefown: +7 495 777 42 82<br>Sit web: https://www.ruselectronics.ru/<br>Numru tat-taxxa: 7710277994<br>Numru tar-reġistrazzjoni tal-Istat: 1027739000475<br>Kumpanija omm: ROSTEC | Ruselectronics hija kumpanija azzjonarja Russa tal-elettronika li tappartjeni lil Rostec.<br>L-unitajiet multifunzjonali tas-sistema tal-armi tal-gwerra elettronika Borisoglebsk-2, żviluppati u mmanifatturati minn JSC Sozvezdie Concern, parti mill-impriża Ruselectronics, intużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fl-2022. Qabel dan, is-sistema Borisoglebsk-2 intużat fit-territorju tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu separatista ta' Luhansk" fil-Lvant tal-Ukrajna.<br>Barra minn hekk Ruselectronics forniet lill-Forzi Armati Russi b'sistemi ta' rikonjizzjoni Penicillin li ntużaw fil-gwerra kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk Ruselectronics hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 79. | Otkritie FC Bank<br><br>(qabel magħruf bħala NOMOS Bank) | Tip ta' kumpanija: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti<br><br>Indirizz: D. 2, str. 4, ul. Letnikovskaya, 115114, Moscow, Russian Federation<br><br>Sit web: https://www.open.ru/<br><br>Telefown: +7 (495) 224-44-00<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 15.12.1999<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739019208<br><br>Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7706092528<br><br>SWIFT/BIC: JSNMRUMM<br><br>Individwu assoċjat: Igor Finogenov, Kofundatur (issa Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Eurasian Development Bank)<br><br>Assoċjati: Central Bank of Russia; Gvern tal-Federazzjoni Russa | Otkritie FC Bank, qabel magħruf bħala NOMOS Bank, huwa wieħed mill-akbar 10 banek tar-Russja u istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-Bank Ċentrali tar-Russja huwa l-investitur ewlieni ta' Otkritie Bank, fejn għandu 99-100 % tal-ishma. Bħala waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat ewlenin tar-Russja, Otkritie Bank jiġġenera dħul kbir għall-Bank Ċentrali tar-Russja u għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk Otkritie Bank huwa entità jew korp li jappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnu, kif ukoll jappoġġa lil persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 8.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 85. | JSC OBORONENERGO<br>(bir-Russu: АО Оборонэнерго) | Indirizz: 107140, Moscow, 1 st Krasnoselsky lane, 11, Russian Federation<br>Telefown: +7 (495) 532-13-06<br>Sit web: https://oboronenergo.su<br>Posta elettronika: info@oen.su | JSC Oboronenergo hija fornitur militari tal-enerġija li tappartjeni lil JSC Garnizon, li skont kuntratti tal-gvern tipprovdi servizzi ta' provvista tal-elettriku lil unitajiet militari Russi u lil entitajiet oħra taħt il-kontroll tal-Ministeru għad-Difiża. Ipparteċipat fil-modernizzazzjoni tal-bażi tal-ajru militari f'Korenovsk, li ntuża mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa biex jagħtu bidu għal attakki fuq bersalli fl-Ukrajna matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk appoġġat materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u bbenefikat minnu. Appoġġat ukoll materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |
| 91. | PJSC KAMAZ psewdonimu KAMAZ PTC<br>(bir-Russu: ПАО "КАМАЗ") | Indirizz: Avtozavodskiy Prospekt, 2, Naberezhnye Chelny, Republic of Tatarstan, 423827 Russian Federation<br>Telefown: +7 (800) 555-00-99<br>Sit web: https://kamaz.ru/en<br>Posta elettronika: callcentre@kamaz.ru | KAMAZ hija żviluppatur u manifattur Russu ta' vetturi u tagħmir militari. Ipproduċiet il-vetturi KAMAZ-5350, KAMAZ-6350 u KAMAZ-6560 li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. F'Novembru KAMAZ irreferiet għall-fatt li l-fabbrika tagħha qed topera fil-limiti tal-kapaċità tagħha biex tissodisfa l-ordnijiet ta' armi. F'April 2022 ippubblikat ukoll filmat li fih intuża s-simbolu "Z" li jesprimi appoġġ għall-operazzjoni fl-Ukrajna.<br>Għalhekk hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 93. | Tatshina LLC<br>(ООО ТАТШИНАУК)<br>Eks Management Company Tatneft-Neftekhim LLC<br>(bir-Russu: ООО УК Татнефть-Нефтехим)) | Indirizz: Korpus AIK-24, Industrial zone Territory, Nizhnekamsk, Nizhnekamskij District, Republic of Tatarstan, 423570 Russian Federation<br>Telefown: +7(8555) 49-73-42,<br>+7(8555) 49-75-86,<br>+7 (855) 549-74-39<br>Faks: +7(8555) 49-75-86<br>Sit web: www.neftehim.tatneft.ru<br>Posta elettronika: nhk@tnnh.tatneft.ru<br>Numru tar-reġistrazzjoni: TIN 1644024517<br>IEC 165101001<br>PSRN 1021601627090 fil-25.11.2002<br>OKPO 57243722<br>Entitajiet assoċjati:<br>JSC Nizhnekamskshina;<br>LLC Nizhnekamsk Truck Tyre Factory;<br>Nizhnekamsk SSC Tyre Factory;<br>JSC Nizhnekamsktekhuglerod;<br>JSC Nizhnekamsk Mechanical Plant); | Wara d-deżinjazzjoni ta’ Management Company Tatneft-Neftekhim LLC, Tatneft Group biegħ il-parteċipazzjoni tiegħu fil-kumpanija maniġerjali ”Tatneft-Neftekhim” lil JSC Tatneftekhiminvest-Holding, li bidlet isimha għal Tatshina LLC. Tatshina LLC (li qabel kien jisimha Management Company Tatneft-Neftekhim) timmaniġġa u tikkoordina l-kumpaniji subordinati tat-tajers ta’ PJSC Nizhnekamskneftekhim, li jinkludu TD KAMA, Nizhnekamskshina u Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant. Din tgħaqqad flimkien l-intrapriżi kollha relatati man-negozju tat-tajers JSC Tatneftekhiminvest-Holding, u timmaniġġa l-produzzjoni, il-proċessi tal-ippjanar, l-operazzjonijiet kummerċjali, ir-riżorsi umani u r-relazzjonijiet pubbliċi tagħhom.<br>TD KAMA, id-distributur ġenerali tal-prodotti kummerċjali tat-tajers ta’ JSC Tatneftekhiminvest-Holding, tforni tajers lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u lill-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Nizhnekamskshina timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-prodotti ta’ Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant jinkludu t-tajers KAMA NU402 li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta’ mobbiltà tal-infanterija Tigr li jġorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon-VDV, vetturi ta’ mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul il-gwerra tar-Russja ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk Tatshina LLC u TD KAMA jappoġġaw materjalment lill-impjegati mobilizzati għall-gwerra fl-Ukrajna.<br>Għalhekk din responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | TD "Kama" Trading House;<br>LLC "Kama" Scientific & Technical Center;<br>LLC TATNEFT-Neftekhimsnab;<br>JSC Yarpolimermash-Tatneft;<br>LLC Energoshinservis | | |
| 95. | PJSC Nizhnekamskshina<br>(bir-Russu: ПАО "Нижнекамскшина") | Indirizz: 423570, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk, Russian Federation<br>Telefown: +8 555 49-79-30<br>faks: + 8 555 24-15-70<br>Sit web: https://shina-kama.ru<br>Posta elettronika: minnegalievfg@kamatyres.com<br>Entitajiet assoċjati:<br>Tatneft<br>Trading House KAMA<br>Management Company Tatneft-Neftekhim<br>Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant | Nizhnekamskshina hija l-manifattur ewlieni tat-tajers fir-Russja. Kienet kumpanija subordinata ta' Tatneft. Fl-1 ta' Ġunju 2022 Nizhnekamskshina nbiegħet lil JSC Tatneftekhiminvest-Holding. Tipproduċi tajers tal-marki KAMA u Viatti. Il-prodotti tagħha jinkludu tajers b'użu doppju u militari fornuti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon-VDV matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk Nizhnekamskshina tappoġġa materjalment u finanzjarjament lill-impjegati mobilizzati għall-gwerra fl-Ukrajna.<br>Għalhekk din responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 98. | JSC REMDIZEL<br>(bir-Russu: АО "Ремдизель") | Indirizz: 423800, Republic of Tatarstan, Naberezhnye Chelny, Menzelinsky tract, 40, Russian Federation<br>Telefown: +7 (8552) 55-15-88 / 7 (8552) 30-80-00<br>Sit web: http://www.remdizel.com<br>Posta elettronika: remdizel@kamaz.ru<br>Entitajiet assoċjati:<br>KAMAZ | Remdizel tipproduċi u ssewwi vetturi bir-roti u fuq iċ-ċineg. Timmanifattura l-vetturi K-63968 reżistenti għall-mini u protetti mill-imboskati li għadhom jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. Remdizel tipproduċi wkoll vetturi armati ġodda bħal K-4386 Typhoon VDV u Akhmat biex tappoġġa l-aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna.<br>Għalhekk din responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |
| 99. | JSC SUKHOI Company<br>(bir-Russu: ПАО Компания "Сухой") | Indirizz: 125284, Russian Federation, Moscow, st. Polikarpova, 23B, PO box 604<br>Telefown: +7 (499) 550-01-06<br>Sit web: https://www.sukhoi.org<br>Posta elettronika: info@sukhoi.org<br>Entitajiet assoċjati:<br>United Aircraft Corporation (kumpanija omm) | Sukhoi hija manifattur Russu tal-inġenji tal-ajru. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa ħaddmu inġenji tal-ajru tal-ġlied immanifatturati minn Sukhoi matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tiżviluppa wkoll mudelli ġodda ta' inġenji tal-ajru tal-ġlied li jintużaw ħafna fil-gwerra, bħal Su-24, Su-30, Su-34, Su-35 u Su-57. Fil-21 ta' Novembru 2022 l-azzjonist maġġoritarju tagħha OAK ħabbar il-konsenja ta' SU30SM2s ġodda lill-Ministeru għad-Difiża. Skont rapporti uffiċjali l-militar Russu qed joħloq grupp elit ta' avjazzjoni għall-attakk li jinkludi Su-24s u Su-34s immanifatturati minn Sukhoi.<br>Għalhekk din responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 100. | JSC "121 AIRCRAFT REPAIR PLANT"<br>(bir-Russu: Акционерное общество "121 авиационный ремонтный завод") | Indirizz: Russian Federation, 143079, Moscow region, Odintsovo, Stary Gorodok, st. Postal, 10<br>Telefown: +7(498) 677-95-11<br>Sit web: https://121arz.ru<br>Posta elettronika: info@121arz.ru | 121 Aircraft Repair Plant issewwi l-inġenji tal-ajru Su-25, Su-27, MiG-29 u MiG-31. Hija l-unika intrapriża fir-Russja li simultanjament issewwi u taġġorna l-inġenji tal-ajru Su-25 għall-verżjoni Su-25 SM. L-inġenji tal-ajru Su-25 SM u MiG-31 intużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. F'dan is-sit intbagħat ukoll persunal Belarussu biex jgħin fit-tiswija tal-inġenji tal-ajru tal-ġlied sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw fl-aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna.<br>Għalhekk din responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Tappoġġa wkoll materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, jew tibbenefika minnu. | 3.6.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 103. | Nightwolves MC<br>(Мотоклуб, Ночные Волки) | Indirizz: Nizhniye Mnevniki, 110, Bike Centre, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Grupp tal-Muturi<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1989 | Nightwolves MC huwa klabb tal-muturi nazzjonalista mwaqqaf fl-1989 f'Moska u mmexxi minn Alexander Zaldastanov, b'madwar 45 taqsima madwar id-dinja, inkluż taqsimiet f'ħafna Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Nightwolves MC kien involut b'mod attiv fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna billi appoġġa pubblikament l-annessjoni tal-Krimea fl-2014 u l-gwerra kontra l-Ukrajna fl-2022, billi b'mod attiv xerred propaganda kontra l-Ukrajna u favur ir-Russja, u billi ġġieled flimkien ma' gruppi favur ir-Russja fl-Ukrajna jew appoġġahom wara l-annessjoni tal-Krimea u l-gwerra Russa kontra l-Ukrajna fl-2022. Il-grupp huwa marbut ma' "Wolf Holding Security Structures", kumpanija li topera kampijiet ta' taħriġ għad-"difiża personali" f'Sevastopol u tipprovdi taħriġ militari.<br>Il-grupp huwa sostenitur ewlieni tal-Gvern Russu li b'mod attiv jappoġġa l-propaganda tal-Istat Russa fir-Russja, fl-Ewropa u fil-Balkani tal-Punent, jiċħad id-dritt tal-Ukrajna għas-sovranità u jappella għad-"denazifikazzjoni" u d-"deUkrenizzazzjoni" tal-pajjiż, filwaqt li jippromwovi l-idea li l-Ukrajna għandha tkun parti integrali mir-Russja.<br>Il-grupp għandu wkoll rabtiet mill-qrib mal- President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u mal-Gvern Russu u bejn l-2013 u l-2015 irċieva finanzjament tal-Istat mill-Kremlin. Il-grupp wera ripetutament l-appoġġ tiegħu għall-operazzjoni militari, b'mod partikolari billi bagħat uħud mill-membri tiegħu bħala voluntiera fl-armata. Għalhekk Nightwolves huma entità jew korp li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk hija entità responsabbli għall-fatt li appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 21.7.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 104. | The Alexander Gorchakov Public Diplomacy Fund<br>(Фонд общественной дипломатии Александра Горчакова) | Indirizz: 10/1 Yakovoapostolsky pereulok, Moscow 105064, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Organizzazzjoni mhux Governattiva<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: Frar 2010<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1107799026752 | L-Alexander Gorchakov Public Diplomacy Fund twaqqaf fl-2010 mill-President Russu Dmitry Medvedev. Il-fundatur tal-Fond kien il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Russja u l-Ministru attwali għall-Affarijiet Barranin huwa l-kap tal-Bord tal-Fiduċjarji. Il-Ministeru jiffinanzja l-ħidma tal-Fond Gorchakov, li min-naħa tiegħu jagħti finanzjament lil gruppi ta' riflessjoni u lil GONGOs.<br>Il-Fond Gorchakov huwa mfassal biex jappoġġa lill-kompatrijotti Russi fl-ispazju post-Sovjetiku f'konformità mal-għanijiet ideoloġiċi tal-Kremlin. Il-proġetti organizzati mill-Fond Gorchakov kienu elementi importanti tad-diskors dwar il-politika barranija tar-Russja. Fl-2015 il-Gvern tal-Ukrajna għalaq l-Uffiċċju ta' Gorchakov Public Diplomacy Fund f'Kiev minħabba propaganda kontra l-Istat.<br>Għalhekk Gorchakov Public Diplomacy Fund huwa responsabbli għall-fatt li b'mod attiv appoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefika minnu. | 21.7.2022 |
| 124. | Oje Parvaz Mado Nafar Company (Mado)<br>(شرکت اوژه پرواز مادو نفر (مادو))<br>(magħrufa wkoll bħala Owj Parvaz Mado Nafar Company LLC) | Indirizz: Qom, No. 1106, 11 Hemmat Corner, Hemmat Square, Hemmat Boulevard, Shokuhieh Industrial Town, Qom Province, 3718116354, Iran<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 10590042155 | Oje Parvaz Mado Nafar Company (Mado) hija kumpanija bbażata fl-Iran speċjalizzata fil-manifattura ta' komponenti ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs).<br>Mado pproduċiet magni ta' UAVs għal entitajiet marbuta mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), inkluż magni li jintużaw fil-UAVs Shahed-136. Il-UAVs Shahed-136 qed jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna taħt l-isem Geran-2.<br>Għalhekk Mado qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 125. | Paravar Pars Company<br>(شرکت پراور پارس)<br>(magħrufa wkoll bħala Paravar Pars Aerospace Research and Engineering Services; Paravar Pars Aerospace Research Institute; Paravar Pars Engineering and Services Aerospace Research Company; Paravar Pars; ParavarPars; Pravarpars Engineering Research and Design Company) | Post prinċipali tan-negozju: 13 km of Shahid Babaei Highway, after Imam Hossein University, next to Telo Road, Tehran, Iran<br>Posta elettronika: info@paravar-pars.com<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 10101373495 | Paravar Pars Company hija assoċjata mill-qrib mal-Università Imam Hossein, li hija kkontrollata mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC).<br>Paravar Pars Company pproduċiet Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali tal-IRGC (IRGC AF) u ttestjat UAVs għall-Flotta Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAV Shahed-171 Iranjan żviluppat mill-IRGC AF. Il-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk Paravar Pars Company qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 12.12.2022 |
| 126. | CREDIT BANK OF MOSCOW<br>(bir-Russu: Московский кредитный банк) | Indirizz: 2 Lukov pereulok, building 1, Moscow 107045, Russian Federation<br>Sit web: https://mkb.ru/<br>Telefown: +7 (495) 777-48-88<br>Posta elettronika: info@mkb.ru<br>Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1992<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739555282<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Credit Bank of Moscow huwa l-akbar bank pubbliku mhux tal-Istat fir-Russja u s-sitt l-akbar istituzzjoni finanzjarja tar-Russja. Huwa istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-bank jopera fis-settur tas-servizzi finanzjarji li huwa ta' importanza strateġika għall-ekonomija Russa u jiġġenera sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Credit Bank of Moscow jirċievi appoġġ mill-Istat. F'Mejju 2022 kiseb liċenzja ta' esportazzjoni tad-deheb mingħand il-gvern. Għalhekk dan jibbenefika direttament mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Għalhekk Credit Bank of Moscow huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk Credit Bank of Moscow qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 130. | New People<br>(bir-Russu: Новые люди) | Indirizz: Bolshoy Trekhgornyy Pereulok, building 11, entrance 2, Moscow 123022, Russian Federation<br>Telefown: +7 (800) 550-10-39<br>Sit web: https://newpeople.ru/<br>Posta elettronika: info@newpeople.ru | New People huwa partit politiku Russu. Dan appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Stabbilixxa wkoll fergħa reġjonali fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Għalhekk dan responsabbli għall-fatt li appoġġa materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 131. | Liberal Democratic Party of Russia<br>(bir-Russu: Либерально-демократическая партия России) | Indirizz: 1st Basmanny Lane, building 3, entrance 1, Moscow 107045, Russian Federation<br>Telefown: +7 (495) 530-62-62<br>Sit web: https://ldpr.ru/<br>Posta elettronika: office@ldpr.ru | Liberal Democratic Party of Russia huwa partit politiku Russu. Dan appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Stabbilixxa wkoll bosta fergħat reġjonali fit-territorji okkupati tal-Ukrajna.<br>Għalhekk dan responsabbli għall-fatt li appoġġa materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 132. | Just Russia — Patriots — For Truth<br><br>(bir-Russu: "Справедливая Россия — Патриоты — За правду") | Indirizz:<br><br>Indirizz legali: 29 Bolshaya Tatarskaya St. Moscow 115184, Russian Federation<br><br>Indirizz għall-korrispondenza: 14 Akademika Pilugina str., entr. 2, 117393, Moscow, Russian Federation<br><br>Telefown: +7 495 787 85 15<br><br>Sit web: https://spravedlivo.ru/main<br><br>Posta elettronika: info@spravedlivo.ru | Just Russia — Patriots — For Truth huwa partit politiku Russu. Dan appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Stabbilixxa wkoll bosta ferghat reġjonali fit-territorji okkupati tal-Ukrajna.<br><br>Għalhekk dan responsabbli għall-fatt li appoġġa materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 133. | Communist Party of the Russian Federation<br><br>(bir-Russu: Коммунистическая партия Российской Федерации) | Indirizz: 3 Maly Sukharevsky Pereulok, bldg. 1, Moscow, 103051, Russian Federation<br><br>Telefown: +7-495-692-7646<br><br>Sit web: https://kprf.ru/<br><br>Posta elettronika: inter@kprf.ru | Communist Party of the Russian Federation huwa partit politiku Russu. Dan appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja.<br><br>Stabbilixxa wkoll bosta ferghat reġjonali fit-territorji okkupati tal-Ukrajna.<br><br>Għalhekk dan responsabbli għall-fatt li appoġġa materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 138. | JSC KAZAN OPTICAL AND MECHANICAL PLANT (JSC KOMZ)<br>(bir-Russu: АО КАЗАНСКИЙ ОПТИКО-МЕХАНИЧЕСКИЙ ЗАВОД (АО КОМЗ)) | Indirizz: st. Lipatova, 37, Kazan, Republic of Tatarstan, Russian Federation<br>Telefown: +7(843) 235-80-35<br>Sit web: https://komzrt.ru/<br>Posta elettronika: Info@komzrt.ru<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti | JSC KOMZ hija intrapriża diversifikata Russa li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' apparat ottiku u tagħmir elettroniku tal-gwerra (inkluż radars, binokli, eċċ.).<br>JSC KOMZ tipproduċi s-sistemi tal-gwerra elettronika Moscow-1 (Москва-1), Rychag-AV (Рычаг-АВ) u Quicksilver-BM (Ртуть-БМ) li qed jitwasslu lill-Forzi Armati Russi u li qed jintużaw fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk JSC KOMZ hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. JSC KOMZ tibbenefika mill-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' sistemi tal-gwerra elettronika lill-Forzi Armati Russi u għalhekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, JSC KOMZ qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 139. | JSC ENIKS<br>(bir-Russu: АО "ЭНИКС") | Indirizz: st. Korolenko 120, Kazan, Republic of Tatarstan, Russian Federation<br>Telefown: +7 (843) 212-07-08<br>Sit web: https://enics.aero/<br>Posta elettronika: uav@enics.ru<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 6.6.2003<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1031632202227<br>Post prinċipali tan-negozju: Federazzjoni Russa | JSC ENIKS hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' kumplessi ta' mmirar fl-ajru u vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs), sistemi ta' sorveljanza mill-bogħod u tagħmir ieħor tal-gwerra. JSC ENIKS tipprovdi UAVs (Eleron-3 u Eleron-10) immanifatturati lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk JSC ENIKS hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 144. | JSC A.E. NUDELMAN DESIGN BUREAU OF PRECISION MACHINE BUILDING (KB TOCHMASH)<br>(bir-Russu: АО КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ТОЧНОГО МАШИНОСТРОЕНИЯ ИМ. А. Э. НУДЕЛЬМАНА (КБ ТОЧМАШ)) | Indirizz: str. Vvedensky, 8, Moscow, Russian Federation (HQ)<br>Sit web: http://www.kbtochmash.ru/<br>Telefown: +7 (495) 333-01-65<br>Posta elettronika: mail@kbtochmash.ru<br>Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | KB TOCHMASH tagħmel parti mill-kumpanija tal-Istat Russa Almaz-Antey Concern u hija żviluppatur tal-armi Russu li timmanifattura firxa wiesgħa ta' sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru, MANPADS u missili, inkluż armi ta' preċiżjoni akbar.<br>KB TOCHMASH tipproduċi s-sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru Strela-10 u Sosna-R li ntużaw b'mod wiesa' matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fl-2022.<br>Għalhekk KB TOCHMASH hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. KB TOCHMASH tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru lill-Forzi Armati Russi u tibbenefika mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk KB TOCHMASH qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 145. | JSC Automobile Plant URAL<br>(bir-Russu: АО Автомобильный завод "УРАЛ") | Indirizz: 1 Avtozavodtsev Prospect, Miass, Chelyabinsk Oblast, 456304, Russian Federation<br>Sit web: https://uralaz.ru/<br>Telefown: +7 (3513) 55-49-83<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Chelyabinsk Oblast, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 22.6.2000<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027400870826<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC Automobile Plant "URAL" hija manifattur Russu ta' trakkijiet u waħda mill-fornituri ewlenin ta' trakkijiet armati għall-forzi armati Russi. Automobile Plant URAL hija involuta fil-programm Russu għall-vetturi kbar Typhoon. Typhoon hija familja Russa ta' vetturi armati tal-ġlied (AFVs) reżistenti għall-mini u protetti mill-imboskati (MRAP) li ilhom jintużaw mill-2014. Il-familja ta' trakkijiet Typhoon huma rreġistrati fil-Programm tal-Armi tal-Istat Russu. Dawn il-vetturi jiġu mmuntati f'Automobile Plant URAL skont kuntratt tal-Istat mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja.<br>Ural Automobile Plant tipproduċi vetturi Ural – 4320 u Typhoon li qed jintużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fl-2022.<br>Għalhekk Automobile Plant URAL hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Automobile Plant URAL tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' trakkijiet armati lill-Forzi Armati Russi u tibbenefika mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk Automobile Plant URAL qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 147. | JSC NAUCHNO-PROIZVODSTVENNOE OBEDINENIE RUSSKIE BAZOVYE INFORMACIONNYE TEHNOLOGII (JSC RPA RUSBITECH)<br><br>(bir-Russu: АО "НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННОЕ ОБЪЕДИНЕНИЕ РУССКИЕ БАЗОВЫЕ ИНФОРМАЦИОННЫЕ ТЕХНОЛОГИИ' (АО 'НПО РУСБИТЕХ") | Indirizz: Varshavskoe sh. 26 building 11, Moscow, Russian Federation (HQ)<br><br>Sit web: https://rusbitech.ru/<br><br>Telefown: +7 (495) 648-06-40<br><br>Posta elettronika: mail@rusbitech.ru<br><br>Tip ta' entità: kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 22.9.2008<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 5087746137023<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC RPA RUSBITECH hija kumpanija tat-teknoloġija Russa li tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija avvanzata għall-istrutturi ta' infurzar Russi, prinċipalment għall-Forzi Armati Russi. L-aktar prodott magħruf tagħha huwa s-sistema operattiva tal-kompjuters li jisimha Astra Linux, li issa tintuża kważi totalment mill-forzi militari Russi kollha. Is-sistemi ta' informazzjoni ewlenin tal-Kwartieri Ġenerali tal-Armata Russa huma bbażati fuq Astra Linux. Il-kumpanija hija magħrufa wkoll għall-manifattura ta' punti ta' kmand tat-tip APE-5 li jintużaw b'mod attiv għall-komunikazzjoni fuq il-post waqt il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk JSC RPA RUSBITECH hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |
| 148. | JSC Concern Radio-Electronic Technologies (KRET)<br><br>(bir-Russu: АО "Концерн Радиоэлектронные технологии" (КРЭТ) | Indirizz: Goncharnaya st., 20/1, 109240, Moscow, Russian Federation<br><br>Telefown: +7 (495) 587-70-70<br><br>Sit web: https://www.kret.tech/<br><br>Posta elettronika: info@kret.com | Concern Radio-Electronic Technologies KRET hija l-iżviluppatur u l-manifattur ewlieni ta' prodotti radjuelettroniċi militari fir-Russja. Hija sussidjarja ta' Rostec. Immanifatturat is-sistemi tal-gwerra elettronika Krasukha-4 li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 154. | PJSC "Motovilikhinskiye Zavody"<br>(bir-Russu: Публичное акционерного общество специального машиностроения и металлургии "Мотовилихинские заводы"<br>ПАО "Мотовилихинские заводы") | Indirizz: Russian Federation, 614014, Perm, str. 1905, building 35<br>Sit web: http://mz.perm.ru/<br>Telefown: +7 (342) 264-70-00<br>Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Perm, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 11.12.1992<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1025901364708<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | PJSC Motovilikhinskiye Zavody hija manifattur pubbliku Russu ta' armi u munizzjon. Hija mmaniġġata mill-kumpanija "RT-Capital" tal-Korporazzjoni tal-Istat Rostec. L-attività ewlenija ta' PJSC Motovilikhinskiye Zavody hija l-produzzjoni ta' tagħmir militari bħal kanuni tal-artillerija, kanuni tat-tip mortar u sistemi ta' sparar multiplu ta' rokits. PJSC Motovilikhinskiye Zavody tiżviluppa u timmanifattura vetturi tal-ġlied u tat-trasport u t-tagħbija mis-sistemi ta' sparar multiplu ta' rokits Grad, Smerch, Tornado-G u Tornado-S. Hija l-uniku manifattur Russu ta' vetturi tal-ġlied u tat-trasport u t-tagħbija mill-kompożizzjoni ta' sistemi ta' sparar multiplu ta' rokits tat-tip "Grad", "Smerch" u l-verżjonijiet modifikati tagħhom "Tornado-G" u "Tornado-S".<br>PJSC Motovilikhinskiye Zavody hija involuta fil-produzzjoni tas-sistemi ta' sparar multiplu ta' rokits (MLRS) "Tornado-G" u "Tornado-S", li qed jitwasslu lill-Forzi Armati Russi u li qed jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk PJSC Motovilikhinskiye Zavody hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. PJSC Motovilikhinskiye Zavody tibbenefika wkoll mill-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' sistemi ta' sparar multiplu ta' rokits (MLRS) lill-Forzi Armati Russi u għalhekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, PJSC Motovilikhinskiye Zavody qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 155. | All-Russia State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK)<br><br>(bir-Russu: Всероссийская государственная телевизионная и радиовещательная компания (ВГТРК)) | Indirizz: str. 5th Yamskogo Polya 19-21, 125124, Moscow, Russian Federation<br><br>Sit web: https://vgtrk.ru/<br><br>Tip ta' entità: Intrapriża Unitarja tal-Istat Federali<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Pokhodnyy Proyezd 3-2, 125373, Moscow, Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 14.10.2002<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700310076<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation | VGTRK hija impriża azzjonarja tal-media li tikkontrolla stazzjonijiet televiżivi bħal Rossiya 1, Rossiya 24, RTR Planeta, l-istazzjon tar-radju Vesti FM u oħrajn. Hija proprjetà tal-Federazzjoni Russa u kkontrollata minnha, u ġiet rikonoxxuta bħala intrapriża strateġika mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Fl-2022, fil-kuntest tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, il-Gvern Russu żied il-finanzjament għall-media kkontrollata mill-Istat; VGTRK ser tirċievi RUB 25,2 biljun. Għalhekk VGTRK qed tibbenefika mill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>L-istazzjonijiet proprjetà ta' VGTRK jipprovdu pjattaforma lil Olga Skabeyeva, Dmitry Kiselyov, Vladimir Soloviev u oħrajn li qed ixerrdu propaganda u diżinformazzjoni relatati mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk VGTRK qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u hija assoċjata ma' persuni fiżiċi li jappoġġaw dawn il-politiki u azzjonijiet. Barra minn hekk VGTRK hija responsabbli għall-fatt li appoġġat lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefikat minnu. | 16.12.2022 |
| 156. | National Media Group<br><br>(bir-Russu: "Национальная Медиа Группа" (НМГ)) | Indirizz: Prechistenskaya embankment 13, building 1, 119034, Moscow, Russian Federation<br><br>Sit web: https://nmg.ru/<br><br>Telefown: +7 (495) 988-11-12<br><br>Posta elettronika: pr@nmg.ru<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 1.2.2008<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1087746152207<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent: 7704676655 | National Media Group hija impriża tal-media li tikkontrolla 28 intrapriża tal-media fir-Russja, inkluż Channel One, Channel 5, REN TV u STS, 78.ru, il-gazzetta nazzjonali Izvestia, Delovoy Peterburg u strumenti oħra. Hija proprjetà ta' Bank Rossiya li l-azzjonist ewlieni tiegħu huwa Yuriy Kovalchuk. Il-President tal-Bord ta' NMG hija Alina Kabaeva. Għalhekk NMG hija assoċjata ma' persuni u entitajiet taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>L-istrumenti tal-media kkontrollati minn NMG b'mod attiv qed ixerrdu propaganda u diżinformazzjoni relatati mal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk NMG qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 157. | Strategic Culture Foundation<br>(bir-Russu: Фонд стратегической культуры) | Indirizz: Bolshaya Polyanka str., 50/1 STR.1, 119180, Moscow, Russian Federation<br>Sit web: https://www.fondsk.ru/<br>Posta elettronika: info@fondsk.ru<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Bolshaya Polyanka str., 50/1 STR.1, 119180, Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 21.2.2005<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1057746290469<br>Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent: 7706569306<br>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation | Strategic Culture Foundation hija organizzazzjoni ffinanzjata mill-Federazzjoni Russa. Skont rapporti uffiċjali hija assoċjata mill-qrib mas-servizzi speċjali Russi, inkluż l-SVR.<br>Is-siti web ikkontrollati minn Strategic Culture Foundation: strategic-culture.org u fondsk.ru jamplifikaw in-narrattivi favur il-Kremlin u għandhom l-għan li jidderieġu d-diżinformazzjoni favur il-Kremlin lejn udjenzi barranin. Għalhekk Strategic Culture Foundation qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk Strategic Culture Foundation hija responsabbli għall-fatt li appoġġat lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u li bbenefikat minnu. | 16.12.2022 |
| 158. | ANO TV-Novosti<br>(bir-Russu: АНО "ТВ-новости") | Indirizz: Autonomous non-profit organization (ANO) "TV-Novosti", BOROVAYA ULITSA, D.3, K.1, Moscow, 111020, Russian Federation<br>Telefown: +7(499)750-00-75, +7 (495)926-28-30, +7(495) 649-89-89<br>Sit web: https://partners.rt.com/contacts/<br>Posta elettronika: info@rttv.ru | TV-Novosti hija organizzazzjoni tal-media marbuta mal-Gvern Russu. Hija ffinanzjata mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. Permezz tal-istrumenti tal-media subordinati tagħha, fosthom RT, b'mod konsistenti xerrdet propaganda u diżinformazzjoni favur il-Kremlin u appoġġat il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Permezz tal-kontenut tiegħu RT ixerred narrattivi foloz tar-reġim Russu biex idgħajjef lill-Ukrajna u għalhekk qed jappoġġa kampanja ta' diżinformazzjoni fuq skala kbira biex imermer l-appoġġ internazzjonali għall-Ukrajna.<br>Għalhekk appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk ibbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 168. | JSC ”Zavolzhsky plant of caterpillar tractors” (”ZZGT”)<br><br>(bir-Russu: ЗАО ”Заволжский завод гусеничных тягачей” (ЗЗГТ)) | Indirizz: 606522, Nizhny Novgorod region, Gorodetsky district, Zavolzhye, Zheleznodorozhnaya str., 1, Russian Federation<br><br>Sit web: https://zzgt.ru/<br><br>Telefown: +7 (831) 612-14-00<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 26.9.2011<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Nizhny Novgorod region, Russian Federation<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC ”Zavolzhsky plant of caterpillar tractors” hija intrapriża Russa li tibni l-magni u li tipproduċi u tforni vetturi GAZ-3344-20 fuq iċ-ċineg għal kull xorta ta' terren.<br><br>JSC ”Zavolzhsky plant of caterpillar tractors” tipprovdi vetturi GAZ-3344-20 lill-Forzi Armati Russi li qed jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk JSC ”Zavolzhsky plant of caterpillar tractors” hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 16.12.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 209. | SUN Ship Management (D) Ltd. | Post ta' reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates (Unit OT 17- 32, Level 17, Central Park Offices, Dubai International Financial Centre, Dubai, PO Box 507065, United Arab Emirates)<br>Data ta' reġistrazzjoni: 2.8.2012<br>Numru ta' reġistrazzjoni: 1244<br>Postijiet prinċipali ta' kummerċ: United Arab Emirates, Russian Federation, European Union<br>Entitajiet u individwi assoċjati:<br>PAO Sovcomflot (parent company);<br>Vladimir Oskirko (Direttur);<br>Alexey Khaidukov (Direttur);<br>Alexander Verbo (Director);<br>Andrey Kontsenebin (Direttur);<br>SCF Overseas Holding Limited | SUN Ship Management (D) Ltd., li qabel kienet magħrufa bħala SCF Management Services (Dubai) Ltd., hija kumpanija tal-ġestjoni tal-bastimenti ibbażata f'Dubai, li hija parti minn PAO Sovcomflot (SCF Group), l-akbar kumpannija tat-tbaħħir tar-Russja, li tispeċjalizza fit-trasport tal-gass likwifikat, żejt grezz u prodotti tal-petroleum, kif ukoll l-għoti ta' servizzi għal produzzjoni ta' enerġija offshore upstream. SUN Ship Management (D) Ltd tiġġestjona u topera flotta ta' kważi mitt bastiment taż-żejt, tal-gass naturali likwifikat u tal-kimika, b'kapaċità ta' aktar minn 150 tunnellaġġ ta' piż mejjet. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, SUN Ship Management (D) Ltd. kienet qed topera bħala waħda mill-kumpanniji ewlenin li jiġġestjonaw u joperaw it-trasport marittimu taż-żejt Russu. B'mod importanti, bħala parti mill-kumpannija tat-tbaħħir statali Russa PAO Sovcomflot, il-Federazzjoni Russa hija l-benefiċjarju aħħari tas-servizzi offruti minn SUN Ship Management (D) Ltd. Tali servizzi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-Federazzjoni Russa, li jammonta għal aktar minn 70 % tad-dħul mill-enerġija tar-Russja, u b'hekk jippermettu lill-Kremlin jiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna.<br>Għaldaqstant, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità li tappoġġa materjalment u finanzjarjament, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa | 25.2.2023". |